

31998R0850

L 125/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.4.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 850/98

tat-30 ta' Marzu 1998

dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEJA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni mill-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

(1) Billi r-Regolament (KE) Nru 894/97 ⁽⁴⁾ jikkostitwixxi l-verżjoni konsolidata tar-Regolament (KE) Nru 3094/86 li jstabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd, liema Regolament ġie emendat ta' spiss u b'mod sostanzjali.

(2) Billi l-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3094/86 kixfet ċerti nuqqasijiet li jirriżultaw fi problemi ta' applikazzjoni u ta' infurzar u li għandhom ikunu kkoreġuti, b'mod partikolari billi jitnaqqsu n-numru ta' speċifikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma daqs tat-toqob ta-xbieki, billi jitneħħa l-kunċett ta' speċi protetti u billi jkunu ristretti n-numru ta' daqsijiet differenti ta' toqob ta' xbieki li jistgħu jinżammu abbord; billi għalhekk ikun xieraq li r-Regolament (KE) Nru 894/97 ikun mibdul b'test ġdid bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 11, 18, 19 u 20 tiegħu.

(3) Billi huwa neċessarju li jkunu definiti ċerti prinċipji u proċeduri sabiex ikun stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni tekniċi fuq livell ta' Komunità, sabiex kull Stat Membru jkun jista' jamministra l-attivitàjiet tas-sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni jew sovranià tiegħu.

(4) Billi għandu jinstab bilanċ bejn adattar ta' miżuri ta' konservazzjoni tekniċi għad-diversità tas-sajd u l-bżonn ta' regoli omoġenji li jistgħu jiġu applikati faċilment.

(5) Billi l-Artikolu 130r(2) tat-Trattat jistabbilixxi l-prinċipju li l-miżuri kollha tal-Komunità għandhom jintegraw ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawżjoni.

(6) Billi l-prattika li organiżmi marittimi jintefgħu lura l-baħar għandha tkun imnaqqa kemm jista' jkun possibbli.

(7) Billi għandha tkun ipprovduta protezzjoni għall-iinhawi ta' tkabbir, billi jkunu kkunsidrati l-kondizzjonijiet bijoloġiċi speċifiċi fiż-żoni varji konċernati.

(8) Billi fid-Direttiva 92/43/KEE ⁽⁵⁾, il-Kunsill stabbilixxa miżuri għall-konservazzjoni ta' abitat naturali u ta' ħajja selvaġġa u ta' fauna; billi l-lista ta' organiżmi tal-baħar li jaqgħu taħt l-għan ta' dan ir-Regolament fiha ismijiet ta' speċi protetti bil-ħtiġiet ta' dik id-Direttiva.

(9) Billi l-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 1996 adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi fil-politika tas-sajd komuni.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 292 ta' l-4.10.1996, p. 1, u ĠU Ċ 245 tat-12.8.1997, p. 10.

⁽²⁾ ĠU Ċ 132 tat-28.4.1997, p. 235.

⁽³⁾ ĠU Ċ 30 tat-30.1.1997, p. 26.

⁽⁴⁾ ĠU L 132 tat-23.5.1997, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 206 tat-22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata bl-Att tad-Dħul ta' l-1994.

- (10) Billi sabiex tkun żgurata l-protezzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-isfruttar bilanċjat ta' riżorsi tas-sajd fl-interess kemm tas-sajjieda u tal-konsumaturi, għandhom ikunu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni teknika, li jispeċifikaw fost l-oħrajn id-daqsijiet tat-toqob tax-xbieki u l-kumbinazzjonijiet ta' għall-qbid ta' ċerti speċi u karatteristiċi oħra ta' apparat tas-sajd, u l-iżgħar daqs ta' organiżmi tal-baħar, kif ukoll il-limitazzjonijiet ta' sajd f'ċerti iinhawi u perjodi ta' żmien u b'ċerti apparat u taġmir.
- (11) Billi fid-dawl ta' parir xjentifiku, għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet għal żidiet fid-daqs tat-toqob ta' apparat meta jsir sajd għal ċerti speċi ta' organiżmi tal-baħar, u għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet għall-użu ta' bilfors ta' xbieki b'toqob kwadri, minħabba li dawn jista jkollhom rwol sinifikanti fit-tnaqqis ta' qbid ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar.
- (12) Billi, sabiex tkun evitata l-possibiltà li jintużaw toqob dejjem iżgħar f'apparat fiss, li qed tirriżulta f'żidiet fir-rati ta' mortalità ta' żgħar ta' l-ispeċi li jsir is-sajd għaliha mis-sajjieda konċernati, għandhom ikunu stabbiliti d-daqsijiet tat-toqob ta' apparat fiss.
- (13) Billi jkun hemm differenza fil-komposizzjoni ta' l-ispeċi ta' qabdiet u l-prattiki tas-sajd assoċjati f'iinhawi ġeografiċi differenti; billi dawn id-differenzi jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri differenti f'dawk l-iinhawi.
- (14) Billi l-qbid ta' ċerti speċi sabiex ikunu mibdula f'farina tal-ħut jew f'żejt tal-ħut jista jsir b'toqob ta' daqsijiet żgħar, sakemm tali ħidmiet ta' qbid ma jkollhomx influwenza negattiva fuq speċi oħra.
- (15) Billi għandhom ikunu applikati daqsijiet minimi f'dak li għandu x'jaqsam ma speċi li jikkostitwixxu proporzjon maġġuri ta' ħatt minn bastimenti tal-Komunità u għal dawk l-ispeċi li jibqgħu ħajjin li jintefgħu lura l-baħar.
- (16) Billi l-iżgħar daqs ta' speċi għandu jkun skond l-għażla tad-daqs tat-toqob applikabbli għal dik l-ispeċi.
- (17) Billi l-mod li bih id-daqs ta' l-organiżmi tal-baħar għandu jkun imkejjet għandu jkun definit.
- (18) Billi, sabiex ikunu protetti arinġi żgħar, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-qbid u ż-żamma abbord ta' sardin.
- (19) Billi, sabiex tkun ikkonsidrata l-prattika tas-sajd tradizzjonali f'ċerti iinhawi, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-qbid u ż-żamma abbord ta' inċova u tonn.
- (20) Billi, sabiex ikun żgurat il-kontroll ta' attivitajiet tas-sajd f'ċerti iinhawi b'bastimenti li jikkonformaw ma kondizzjonijiet speċifiċi, aċċess għal tali iinhawi għandu jkun suġġett għal permessi speċjali tas-sajd kif riferiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu ma drittijiet tas-sajd speċjali ⁽¹⁾.
- (21) Billi l-użu ta' tartaruni magħluqin fuq gruppi ta' ħut li jinstabu flimkien ma mammiferi marini jista' jirriżulta fil-qbid u l-qtil ta' tali mammiferi; billi iżda, meta jsir b'mod xieraq, l-użu ta' tartaruni magħluqin hu metodu effettiv ta' sajd għall-ispeċi mixtieqa biss li għaliha jkun qed isir is-sajd; billi, għandu għalhekk ikun ipprobit li mammiferi tal-baħar ikunu mdawwra b'tartaruni magħluqin.
- (22) Billi, sabiex ma jkunx hemm tfixkil għal riċerka xjentifiċi, ħażniet mill-ġdid jew transplantazzjoni artifiċjali, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet li jistgħu jkunu mitluba bit-tħaddim ta' tali attivitajiet.
- (23) Billi ċerti miżuri, neċessarji fil-kuntest ta' konservazzjoni, huma miżmuma fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi karatteristiċi għall-bastimenti tas-sajd ⁽²⁾ u fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika tas-sajd komuni ⁽³⁾, u għalhekk ma hemmx għalfejn ikunu mtennija.
- (24) Billi, fejn il-konservazzjoni tkun mhedda b'mod serju, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati sabiex jieħdu miżuri proviżorji xierqa.
- (25) Billi jistgħu jinżammu jew ikunu adottati miżuri nazzjonali oħra ta' karattru strettament lokali, suġġetti għal eżaminar

(1) ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 7.

(2) ĠU L 274, tal-25.9.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 (ĠU L 339, tad-29.12.1994, p. 11).

(3) ĠU L 261, ta' l-20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 686/97 (ĠU L 102, tad-19.4.1997, p. 1).

mill-Kummissjoni tal-kompatibilità tagħhom mal-liġi tal-Komunità u l-konformità mal-politika tas-sajd komuni.

- (26) Billi, fejn ir-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu neċessarji, tali regoli għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92 ⁽¹⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament, li jistabbilixxi miżuri tekniċi ta' konservazzjoni, għandu japplika għall-qbid u ħatt l-art ta' riżorsi tas-sajd li jkunu jinsabu fl-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri u li jkunu jinsabu f'wieħed mir-reġjuni speċifikati fl-Artikolu 2, minbarra kif provdut b'mod ieħor fl-Artikoli 26 u 33.

IT-TITOLU I

DEFINIZZJONIJIET

L-Artikolu 2

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet segwenti ta' ibħra għandhom japplikaw:

(a) **Reġjun 1**

L-ibħra kollha li qegħdin fit-tramuntana u fil-punent ta' linja għaddejja minn punt flatitudni 48° T, lonġitudni 18° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 60° T, minn hemm lejn il-lvant għal latitudni 5° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 60° 30 T, minn hemm lejn il-lvant għal lonġitudni 4° P, minn hemm għat-tramuntana għal latitudni 64° T, minn hemm lejn il-lvant għal kosta tan-Norveġja.

(b) **Reġjun 2**

L-ibħra kollha li jkunu jinsabu fit-tramuntana ta' latitudni 48° T, iżda minbarra l-ibħra ta' Reġjun 1 u d-diviżjonijiet ta' ICES IIIb, IIIc and III d.

(c) **Reġjun 3**

L-ibħra kollha li jikkorrispondu għas-sub-żona ICES VIII u IX.

(d) **Reġjun 4**

L-ibħra kollha li jikkorrispondu għas-sub-żona ICES X.

(e) **Reġjun 5**

L-ibħra kollha f'dik il-parti tal-lvant ta' l-Atlantiku Ċentrali li tinkludi diviżjonijiet 34.1.1, 34.1.2 u 34.1.3 u s-sub-żona 34.2.0 taż-żona ta' sajd 34 tar-reġjun CECAF.

(f) **Reġjun 6**

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartiment Franċiż ta' Guyana li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

(g) **Reġjun 7**

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartimenti Franċiżi ta' Martinique u Guadeloupe li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

(h) **Reġjun 8**

L-ibħra kollha barra mix-xtut tad-dipartiment Franċiż ta' Réunion li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Franza.

2. Iż-żoni ġeografiċi msemmija f'dan ir-Regolament bl-ittri "ICES" u "CECAF" għandhom ikunu dawk definiti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar u l-Kumitat tas-Sajd għall-Lvant ta' l-Atlantiku Ċentrali, rispettivament. Huma deskritti, suġġetti għal kull emenda sussegwenti, fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Nru 85/Ċ 335/02 ⁽¹⁾ u Nru 85/Ċ 347/05 ⁽²⁾.

3. Ir-reġjuni riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu maqsuma f'żoni ġeografiċi, b'mod partikolari fuq il-bażi tad-definizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 2, skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

4. Minkejja l-paragrafu 2, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

— il-Kattegat hu limitat fit-tramuntana b'linja mill-Fanal ta' Skagen sal-fanal f'Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta ta' l-Isvezja, u fin-nofsinar b'linja minn Hasenøre Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbjerg, u minn Gilbjerg Head sal-Kullen,

— l-Iskagerrak hu limitat fil-punent minn linja mill-fanal ta' Hanstholm sal-fanal ta' Lindesnes, u fin-nofsinar b'linja mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta ta' l-Isvezja,

— il-Baħar tat-Tramuntana għandu jinkludi s-sub-żona IV ta' ICES, il-parti li tmiss ma Diviżjoni IIa ta' ICES li tinsab fin-nofsinar ta' latitudni 64° T, u dik il-parti ta' Diviżjoni IIIa ta' ICES li mhijiex koperta bid-definizzjoni ta' l-Iskagerrak mogħtija fit-tieni indent.

⁽¹⁾ ĠU L 389 tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bl-Att tad-Dħul ta' l-1994.

⁽²⁾ ĠU Ċ 335, ta' l-24.12.1985, p. 2.

⁽³⁾ ĠU Ċ 347, tal-31.12.1985, p. 14.

L-Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) *organiżmi tal-baħar* għandha tfisser il-ħut kollu, li jinkludu speċi anadromi u katadromi matul il-ħajja marina tagħhom, krustaċji u molluski u partijiet minnhom;
- (b) *daqs tat-toqob ta' xibka ta' ġbid* għandha tfisser id-daqs tat-toqob ta' kull tarf tax-xibka jew taż-żieda misjuba abbord bastiment tas-sajd u mwaħħla ma jew tajba sabiex titwaħħal ma kull xibka miġbuda. Id-daqs tat-toqob għandu jkun stabbilit bi proċeduri speċifikati fir-Regolament (KEE) Nru 2108/84⁽¹⁾. Din id-definizzjoni ta' daqs tat-toqob ma għandhiex tkun applikata għal daqs ta' toqob ta' xbieki b'toqob kwadri;
- (c) *xibka bi spag doppju* għandha tfisser xibka magħmula minn żewġ spagiet jew aktar, fejn l-ispag jista jkun separat bejn l-għoqiedi mingħajr ma ssir ħsara għall-istruttura ta' l-ispag;
- (d) *xibka bit-toqob kwadri* għandha tfisser struttura ta' xibka immontata sabiex miż-żewġ settijiet ta' linji paralleli ffurmati bl-ispag tax-xibka, sett wieħed hu parallel għal, u l-ieħor perpendikulari għall-fus it-twil tax-xibka;
- (e) *daqs tat-toqob ta' panew jew tieqa ta' xibka bit-toqob kwadru* għandu jfisser l-akbar daqs ta' toqob stabbilit ta' tali panew jew tieqa mdaħħal ġewwa xibka miġbud. Id-daqs tat-toqob għandu jkun stabbilit bi proċeduri fir-Regolament (KEE) Nru 2108/84;
- (f) *xibka bla għoqiedi* għandha tfisser xibka li tkun magħmula minn kwadru b'erba naħat ta' bejn wieħed u ieħor l-istess daqs li fih, l-irkejjen tal-kwadru huma ffurmati b'insiġ ġewwa xulxin ta' żewġ naħat li jmissu ma xulxin tal-kwadru;
- (g) *xbieki tal-qiegħ li fihom il-ħut jeħel mal-garġi jew xbieki li jitħabblu għandhom* ifissru kull apparat marbut, magħmul minn biċċa waħda ta' xibka, marbuta jew li tista tkun marbuta, permezz ta' kull mezz ma qiegħ il-baħar;
- (h) *xbieki tat-trammell* għandha tfisser kull apparat magħmul minn biċċtejn jew aktar ta' xibka mwaħħla flimkien b'mod parallel fuq ċima waħda, marbuta jew li tista tkun marbuta, permezz ta' kull mezz ma qiegħ il-baħar.

(¹) ĠU L 194 ta' l-24.7.1984, p. 22

IT-TITOLU II

XBIEKI U KUNDIZZJONIJET GĦALL-UŻU TAGĦHOM

IL-KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET GĦALL-APPARAT MIĠBUDA

L-Artikolu 4

1. Għal kull wieħed mir-reġjuni jew iinhawi ġeografiċi msemmija fl-Annessi I sa V, u jiddependu fejn ikun applikabbli fuq il-perjodu ta' żmien, l-ispeċi mmirata għal kull tip ta' daqs tat-toqob huma kif definiti fl-Anness relevanti.

2. Fkull reġjun jew żona ġeografika msemmija fl-Annessi I sa V, l-użu jew il-ġarr abbord, matul il-vjaġġ tas-sajd, ta' xbieki ta' ġbid b'toqob ta' daqsijiet differenti minn dawk riferiti fl-Anness relevanti għandu jkun projbit.

3. (a) Għal kull wieħed mir-reġjuni jew żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi VIII u IX, u jiddependi fejn ikun applikabbli fuq il-perjodu ta' żmien, l-użu jew il-ġarr abbord, matul kull vjaġġ ta' sajd, ta' kull xibka ta' tkarkir, tartarun Daniża jew xbieki ta' ġbid simili għandu jkun projbit, sakemm id-daqsijiet tat-toqob ta' l-apparat miżmuma abbord ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness relevanti.

(b) Madankollu, bastimenti tal-Komunità jistgħu jgħorru abbord fl-ibħra ta' sajd tal-Komunità u matul kull vjaġġ ta' sajd, xbieki b'toqob ta' daqs inqas minn 120 millimetru li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi VIII u IX kemm-il darba:

— tkun tista tiġi ppreżentata awtorizzazzjoni għal sajd barra l-ibħra tal-Komunità fuq dak il-vjaġġ, u

— sakemm qiegħed fl-ibħra tal-Komunità, ix-xbieki kollha ta' toqob ta' daqs differenti li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi VIII u IX ikunu marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

4. Qabdiet miżmuma abbord u meħuda f'kull wieħed mir-reġjuni jew żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi I sa V, X u XI ma jistgħux jinħattu l-art sakemm il-persentaġġ ta' l-għamla tagħhom ma jaqbilx mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness relevanti.

5. Il-persentaġġ ta' speċi li għalihom ikun sar is-sajd u ta' speċi oħra għandu jkun miksub billi jkun maħdum it-total tal-kwantitajiet miżmuma abbord, jew trasferiti għal fuq bastiment ieħor, ta' speċi li għalihom ikun sar is-sajd u speċi oħra kif imfassla fl-Annessi I sa V.

L-Artikolu 5

1. Il-persentaġġi riferiti fl-Annessi I sa V, X u XI għandhom ikunu maħduma bħala proporzjon skond il-piż ħaj ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkun ġew magħżula jew wara li jkun inħattu l-art.
2. Madankollu, waqt li jkunu qed jinħaddmu l-persentaġġi riferiti fil-paragrafu 1 għal bastiment tas-sajd li minnu kwantitajiet ta' organiżmi tal-baħar ġew trasferiti għal fuq bastiment ieħor, dawn il-kwantitajiet għandu jittieħed kont tagħhom.
3. Sidien ta' bastimenti tas-sajd li ma jimlewx *logbook* bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 m'għandhomx jittrasferixxu organiżmi tal-baħar għal fuq xi bastiment ieħor, jew jirċievu trasferimenti ta' organ-izmi tal-baħar minn xi bastiment ieħor.
4. Il-persentaġġi riferiti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu maħduma fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.
5. Minkejja l-paragrafu 1, fil-każ ta' qabdiet ta' fjammetti miż-muma abbord u maqbuda bi xbieki li jkollhom toqob ta' daqs iżgħar minn 16-il millimetru, il-persentaġġ għandu jkun maħdum qabel jintagħżlu.
6. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, il-piż ekwivalenti ta' awwista sħiħa tan-Norveġja għandu jkun miksub billi jkun multiplikat il-piż tad-dnub ta' l-awwisti tan-Norveġja bi tlieta.

L-Artikolu 6

1. (a) Il-ġarr abbord jew l-użu ta' xi xibka tat-tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma, li jkollhom aktar minn 100 toqba f'kull ċirkonferenza tat-tarf, minbarra minn fejn jitwählhu u fiċ-ċmusa għandu jkun projbit. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għal kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħhom ivarja bejn 90 u 119-il milli-metru.
- (b) L-ewwel sottoparagrafu m'għandhux japplika għal xbieki ta' tkarkir bi travi.
2. F'kull tarf waħdieni *stricto sensu*, in-numru ta' toqob madwar kull ċirkonferenza tat-tarf ma għandux jiżdied mit-tarf ta' quddiem għat-tarf ta' wara. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għax-xbieki kollha ta' ġbid li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs jew ikbar minn 55 millimetru.
3. In-numru ta' toqob, minbarra dawk fiċ-ċmusa, f'kull punt fuq kull ċirkonferenza ta' kull estenzjoni jew żieda m'għandux ikun inqas mill-ogħla numru ta' toqob fiċ-ċirkonferenza tat-tarf ta' quddiem *stricto sensu*, minbarra t-toqob taċ-ċmusa. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għax-xbieki kollha ta' ġbid li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs jew ikbar minn 55 millime-tru.

L-Artikolu 7

1. (a) Panew ta' toqob kwadri ta' daqs tat-toqob ta' mill-inqas 80 millimetri jista jkun miżjud f'kull xibka miġbuda.
 - (b) Inkella, kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun daqs, jew aktar minn, 100 millimetru jistgħu jkunu armati b'panewijiet awtorizzati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1866/86 tat-12 ta' Ġunju 1986 li jstabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-ibħra tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound (!).
2. Kull panew b'toqob kwadri:
 - (a) għandu jitqiegħed fin-nofs ta' fuq jew fil-folja ta' fuq ta' xibka quddiem kull estensjoni jew f'kull punt bejn il-quddiem ta' kull estensjoni u l-parti ta' wara tat-tarf;
 - (b) m'għandu jkollu l-ebda xkiel la minn twaħħil minn ġewwa jew minn barra;
 - (c) għandu jkun ta' l-inqas tliet metri fit-tul ħliet meta jkun inkorporat fi xbieki miġbuda minn bastimenti ta' inqas minn 112-il kilowatt, meta jrid ikun ta' l-inqas żewġ metri fit-tul;
 - (d) għandu jkun magħmul minn xbieki bla għoqiedi jew minn xbieki magħmula minn għoqiedi li ma jżerzqux, u għandu jkun imdaħħal b'mod li t-toqob jibqgħu miftuħa l-ħin kollu waqt is-sajd;
 - (e) għandu jkun magħmul b'mod li n-numru ta' toqob fir-ringiela ta' quddiem tal-panew tkun daqs jew aktar min-numru ta' toqob fir-ringiela ta' wara tal-panew.

3. F'kull xibka li fiha ikun imdaħħal panew f'parti tax-xibka li ma tiġix għal xejn, għandu jkun hemm ta' l-iktar ħames toqob fil-forma ta' djamant miftuħin bejn kull ġenb tal-panew u ċ-ċimi tax-xibka ta' maġenbu.

F'kull xibka li fiha jkun imdaħħal panew b'toqob kwadri, sħiħ jew parti minnu, f'parti tax-xibka li tiġi għal xejn, għandu jkun hemm ta' l-iktar ħames toqob fil-forma ta' djamant miftuħin bejn ir-ringiela ta' toqob ta' wara tal-panew b'toqob kwadri u ċ-ċimi tax-xibka ta' mal-ġenb.

4. Minkejja l-paragrafi 1(a) u 2(a), kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun bejn 70 u 79 millimetru għandhom ikunu armati b'panew b'toqob kwadri imqiegħed quddiem it-tarf u li jkollu d-daqs tat-toqob daqs, jew aktar minn, 80 millimetru.

(!) ĠU L 162, tat-18.6.1986, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1821/96 (ĠU L 241, tal-21.9.1996, p. 8).

5. Minkejja l-paragrafu 1(a), iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' krustaċi tar-razza *Pandalus* maqbuda b'kull xibka ta' ġbid ta' taħt l-ilma li d-daqs tat-toqob tagħha jkun bejn 32 u 54 millimetru għandu jkun projbit, sakemm ix-xibka ma tkunx armata b'panew bit-toqob kwadri jew tieqa li d-daqs tat-toqob tagħha jkunu daqs, jew aktar minn 70 millimetru.

6. Il-kondizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw biss għewwa r-Reġjuni 1 u 2.

7. Il-kejl tad-daqs tat-toqob ta' kull xibka bit-toqob kwadri imdaħħla f'xi parti tax-xibka m'għandux ikun ikkunsidrat meta ssir stima tad-daqs tat-toqob ta' xibka miġbuda.

L-Artikolu 8

1. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' xbieki miġbuda magħmula kollha kemm huma jew f'xi parti fit-tarf minn materjal tax-xbieki ta' spaga waħda li l-ħxuna ta' l-ispaga tkun iktar minn tmien millimetri għandu jkun ipprojbit.

2. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' xbieki miġbuda magħmula kollha jew f'xi parti fit-tarf minn materjal tax-xbieki ta' iktar minn spaga waħda għandu jkun projbit, sakemm l-ispag ikun bejn wieħed u ieħor ta' l-istess ħxuna u sakemm it-total tal-ħxuna ta' l-ispag fuq kull naħa tat-toqob ma jkunx iktar minn 12-il millimetru.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal bastimenti tat-tkarkir f'baħar miftuħ.

L-Artikolu 9

1. Il-ġarr abbord jew l-użu ta' kull xibka miġbuda li t-tarf tagħha hu magħmul kollu kemm hu jew parti minnu minn xi tip ta' materjal tax-xbieki magħmul minn toqob li mhumiex toqob fil-forma ta' kwadri jew djamant għandu jkun ipprojbit.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal kull xibka miġbuda li t-tarf tagħha jkollu daqs ta' toqob ta' 31 millimetru jew inqas.

L-Artikolu 10

Gangmi huma eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, kemm-il darba l-kwantitajiet ta' organiżmi tal-baħar miżmuma abbord u maqbuda b'dawn ix-xbieki, minbarra molluski ta' żewġ qoxriet, ma jaqbżux 5 % tat-piż totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord.

IL-KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJET GĦAL APPARAT MARBUTA

L-Artikolu 11

1. Għal kull wieħed mir-reġjuni jew żoni ġeografiċi msemmija fl-Annessi VI u VII, u jiddependi fejn ikun applikabbli fuq

il-perjodu ta' żmien, l-użu jew iż-żamma abbord ta' kull xibka li fiha l-ħut jeħel mill-garġi, xibka ta' tħabbil jew tramell tal-qiegħ għandu jkun projbit, sakemm:

(a) il-qabda maqbuda b'dak ix-xibka u miżmuma abbord tkun tinkludi persentaġġ ta' speċi fil-mira ta' mhux inqas minn 70 %; u

(b) — fil-każ ta' xbieki li fihom il-ħut jeħel mill-garġi u xbieki ta' tħabbil, id-daqs tat-toqob tagħhom ikun jaqbel ma waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness relevanti,

— fil-każ ta' trammelli, id-daqs tat-toqob tagħhom fdik il-parti tax-xibka fejn ikun hemm l-iżgħar toqob ikun jaqbel ma waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness relevanti.

2. Il-persentaġġ minimu ta' speċi fil-mira jista jinkiseb billi jin-għaddu l-kwantitajiet ta' l-ispeċi fil-mira kollha maqbuda.

L-Artikolu 12

1. Il-persentaġġ riferit fl-Anness 11(1) għandu jkun maħdum bħala l-proporzjon skond il-piż ħaj ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkun ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.

2. Il-persentaġġ riferit fil-paragrafu 1 jista jkun maħdum fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew iktar.

L-Artikolu 13

L-Artikoli 11 u 12 m'għandhomx japplikaw għal qabdiet ta' ħut li jixbah is-salamun, qalfat u lampredi.

IL-KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI DWAR XBIEKI U KONDIZZJONIJET GĦALL-UŻU TAGĦHOM

L-Artikolu 14

L-għażla għandha ssir immedjatament malli l-qabdiet ikunu tneh-hew mix-xibka jew xbieki.

L-Artikolu 15

1. Kwantitajiet ta' organiżmi tal-baħar maqbuda fuq il-persentaġġi permessi speċifikati fl-Annessi I sa VII, X u XI għandhom jergħu jintefgħu il-baħar qabel ir-ritorn fil-port.

2. Fil-ħinjiet kollha qabel ir-ritorn fil-port, il-persentaġġ ta' speċi fil-mira kif definit fl-Annessi I sa VII, X u XI miżmuma abbord

għandu jkun ta' l-inqas nofs il-persentaġġi minimi ta' l-ispeċi fil-mira riferiti fl-Annessi msemmija.

3. Wara li jkun għaddew l-ewwel 24 siegħa ta' vjaġġ tas-sajd, il-persentaġġ minimu ta' speċi fil-mira kif stabbilit fl-Annessi I sa VII, X u XI għandu jkun milħuq fil-ħin tal-mili ta' kuljum tal-logbook skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Artikolu 16

M'għandu jintuża l-ebda apparat li permezz tiegħu t-toqob f'kull parti tax-xibka tas-sajd jinstaddu jew inkella jitnaqqsu b'mod effettiv.

Din id-dispożizzjoni m'għandhiex teskludi l-użu ta' ċerti apparat li tagħhom titfassal lista u deskrizzjonijiet tekniċi skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

IT-TITOLU III

DAQS MINIMU TA' ORGANIŻMI TAL-BAĦAR

L-Artikolu 17

Organiżmu tal-baħar jitiqes żgħir jekk id-dimensjonijiet tiegħu jkun iżgħar mid-dimensjonijiet minimi speċifikati fl-Anness XII għall-ispeċi relevanti u ż-żona ġeografika relevanti.

L-Artikolu 19

1. Organiżmi tal-baħar żgħar m'għandhomx jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew offruti għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatament

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal:

L-Artikolu 18

1. Il-kejl tad-daqs ta' organizzmu tal-baħar għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIII.

2. Fejn iktar minn metodu wieħed ta' kejl ta' daqs ta' organizzmu tal-baħar ikun ipprovdut għalih, l-organiżmu jkun ikkunsidrat li jkun ta' daqs minimu jekk l-applikazzjoni ta' xi wieħed minn dawn il-metodi jirriżulta f'daqs ugwali għal, jew ikbar minn, id-daqs minimu korrispondenti.

3. Awwisti, ċikali, u molluski b'żewġ qoxriet u gastropodi li jappartienu għal xi speċi li għalihom hu stabbilit daqs minimu fl-Anness XII jistgħu jinżammu biss abbord sħaħ u jistgħu biss jinħattu l-art sħaħ.

4. (a) Granċijiet li jittieklu jistgħu jinżammu biss abbord sħaħ u jistgħu biss jinħattu l-art sħaħ.

(b) Madankollu, massimu ta' 5 % skond il-piż tal-qabda totali ta' granċijiet li jittieklu jew partijiet minnhom miżmuma abbord jew imhotta l-art, jista jkun jikkonsisti f'saqajn maqluġha.

(a) sardin, inċova, aringi, sawrell u kavall, flimitu ta' 10 % tal-piż ħaj tat-total ta' qabdiel miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċi. Il-persentaġġ ta' sardin, inċova, aringi, sawrell jew kavall għandu jkun maħdum bħala proporzjon skond il-piż ħaj ta' l-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkun għew magħżula jew wara li jkun nħattu l-art. Il-persentaġġ jista jkun maħdum fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % m'għandux ikun maqbuż matul it-trasferiment minn bastiment għal ieħor, il-ħatt, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ;

(b) organizzmi tal-baħar minbarra dawk definiti fl-Annessi I sa V bħala speċi fil-mira għall-kategoriji ta' daqs ta' toqob iżgħar minn 16-il millimetru jew minn 16 sa 31 millimetri, u maqbuda b'apparat ta' għbid ta' daqs ta' toqob inqas minn 32 millimetri, kemm-il darba l-organiżmi msemmija ma jkunux magħżula u ma jkunux mibjugħa, murija jew offruti għall-bejgħ għall-konsum uman.

3. Madankollu, sardin, inċova, sawrell jew kavall żgħar maqbuda sabiex jintużaw bħala lixxa ħajja jistgħu jinżammu abbord, kemm-il darba jinżammu ħajjin.

IT-TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' ĊERTI ORGANIŻMI TAL-BAĦAR

L-Artikolu 20

Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-aringi

1. Iż-żamma ta' aringi abbord li jinqabdu għewwa ż-żona ġeografika u matul il-perjodi msemmija hawn taħt għandu jkun ipprojbit:

- (a) mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April, għewwa ż-żona ġeografika li tinsab fil-grigal ta' linja mħażża bejn Mull of Kintyre u Corsewall Point;
- (b) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, għewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati li ġejjin:
- il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 55° 30' T,
 - latitudni 55° 30' T, lonġitudni 7° 00' L,
 - latitudni 57° 00' T, lonġitudni 7° 00' L,
 - il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00' T;
- (ċ) mill-15 ta' Awissu sal-15 ta' Settembru, fiż-żona li testendi minn sitt mili sa 12-il mil barra mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit kif imkejla mil-linji bażi bejn latitudnijiet 55° 30' T u 55° 45' T;
- (d) mill-15 ta' Awissu sat-30 ta' Settembru, għewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:
- il-Butt of Lewis,
 - Cape Wrath,
 - latitudni 58° 55 T, lonġitudni 5° 00 P,
 - latitudni 58° 55 T, lonġitudni 7° 10 P,
 - latitudni 58° 20 T, lonġitudni 8° 20 P,
 - latitudni 57° 40 T, lonġitudni 8° 20 P,
 - il-kosta tal-punent ta' North Uist flatitudni 57° 40 T, imbagħad matul il-kosta tat-tramuntana tal-gżira sa latitudni 57° 40 36 T, lonġitudni 7° 20 39 P,
 - latitudni 57° 50 3 T, lonġitudni 7° 8 6 P,
 - grigal matul il-kosta tal-punent ta' Lewis sal-punt ta' tluq (Butt of Lewis);

- (e) mill-15 ta' Awissu sal-15 ta' Settembru, għewwa ż-żona li testendi minn sitt mili sa 12-il mil barra mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit kif imkejla mil-linji bażi bejn latitudnijiet 54° 10 T u 54° 45 T;
- (f) mill-21 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru, għewwa l-partijiet tad-Diviżjoni VIIa ta' ICES limitati bil-koordinati li ġejjin:
- (i) — il-kosta tal-lvant ta' l-Isle of Man flatitudni 54° 20 T,
 - latitudni 54° 20 T, lonġitudni 3° 40 P,
 - latitudni 53° 50 T, lonġitudni 3° 50 P,
 - latitudni 53° 50 T, lonġitudni 4° 50 P,
 - il-kosta ta' lbiċ ta' l-Isle of Man flongitudni 4° 50 P,
- u
- (ii) — il-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda ta' Fuq flatitudni 54° 15 T,
 - latitudni 54° 15 T, lonġitudni 5° 15 P,
 - latitudni 53° 50 T, lonġitudni 5° 50 P,
 - il-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda flatitudni 53° 50 T;
- (g) matul is-sena għewwa d-Diviżjoni VIIa ta' ICES, fiż-żona ġeografika bejn il-kosti tal-punent ta' l-Iskozja, l-Ingilterra u Wales, u linja mħażża 12-il mil mill-linji bażi tal-kosti limitati fin-nofsinar b'latitudni 53° 20 T u fil-majjistral b'linja mħażża bejn il-Mull of Galloway (l-Iskozja) u l-Point of Ayre (Isle of Man);
- (h) matul is-sena għewwa Logan Bay, definita bħala l-ibħra fil-lvant ta' linja mħażża mill-Mull of Logan li tinsab flatitudni 54° 44' T u lonġitudni 4° 59' P, sa Laggantalluch Head, li tinsab flatitudni 54° 41 T u lonġitudni 4° 58 P;
- (i) fl-1997, u kull tliet snin ta' wara, mit-tieni Ġimgħa f'Jannar, għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi għewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:
- il-kosta tax-xlokk ta' l-Irlanda flatitudni 52° 00 T,
 - latitudni 52° 00 T, lonġitudni 6° 00 P,
 - latitudni 52° 30 T, lonġitudni 6° 00 P,
 - il-kosta tax-xlokk ta' l-Irlanda flatitudni 52° 30;

(j) fl-1997, u kull tliet snin ta' wara, mill-ewwel Ġimgħa ta' Novembru għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi ġewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:

— il-kosta tan-nofsinhar ta' l-Irlanda flongitudni 9° 00 P,

— latitudni 51° 15 T, lonġitudni 9° 00 P,

— latitudni 51° 15 T, lonġitudni 11° 00 P,

— latitudni 52° 30 T, lonġitudni 11° 00 P,

— il-kosta tal-punent ta' l-Irlanda flatitudni 52° 30 T;

(k) fl-1998, u kull tliet snin ta' wara, mill-ewwel Ġimgħa ta' Novembru għal perjodu ta' 16-il jum konsekuttivi ġewwa ż-żona limitata bil-koordinati li ġejjin:

— il-kosta tan-nofsinhar ta' l-Irlanda flongitudni 9° 00 P,

— latitudni 51° 15 T, lonġitudni 9° 00 P,

— latitudni 51° 15 T, lonġitudni 7° 30 P,

— il-kosta tan-nofsinhar ta' l-Irlanda flatitudni 52° 00 T.

2. Madankollu, bastimenti jistgħu iżommu abbord kwantitajiet ta' aringi minn kull żona deskritta sakemm dawn ma jaqbżux 5 % tal-piż ħaj totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkunu ġew maqbuda f'kull żona separata matul wieħed mill-perjodi speċifiċi.

3. Minkejja l-paragrafu 1, il-punti (f)(ii) u (h), bastimenti b'tul li ma jaqbiżx 12,2 metri bażati f'portijiet li jinsabu fil-kosta tal-lvant ta' l-Irlanda u ta' l-Irlanda ta' fuq bejn latitudni 53° 00' T u 55° 00' T jistgħu iżommu abbord kwantitajiet ta' aringi miż-żoni mniżżla fil-paragrafu 1, il-punti (f)(ii) u (h). L-uniku metodu ta' sajd awtorizzat għandu jkun bi xbieki tal-wiċċ bi xbieki b'toqob ta' daqs ta' 54 millimetru jew akbar.

L-Artikolu 21

Restrizzjonijiet fuq sajd għal sardin għall-protezzjoni tal-aringi

1. Iż-żamma abbord ta' sardin li jinqabdu ġewwa ż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmija hawn taħt għandha tkun projbita:

(a) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona ta' l-istatistika 39E8 ta' ICES. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, din iż-żona ta' ICES għandha tkun iż-żona limitata blinja fil-lvant mill-kosta tal-lvant tar-Renju Unit matul latitudni 55° 00 T sa punt flongitudni 1° 00 W, minn hemm lejn it-tramuntana għal

punt flatitudni 55° 30 T u minn hemm lejn il-punent għall-kosta tar-Renju Unit;

(b) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa l-ibħra ta' ġewwa tal-Moray Firth fil-punent ta' lonġitudni 3° 30 P, u fl-ibħra ta' ġewwa ta' Firth of Forth fil-punent ta' lonġitudni 3° 00 P,

(ċ) mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati segwenti:

— il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 55° 30 T,

— latitudni 55° 30 T, lonġitudni 7° 00 L,

— latitudni 57° 00 T, lonġitudni 7° 00 L,

— il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00 T.

2. Madankollu, bastimenti jistgħu iżommu kwantitajiet ta' sardin abbord miż-żoni deskritti, kemm-il darba dawn ma jaqbżux 5 % tal-piż ħaj totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkunu nqabdu f'kull żona separata matul il-perjodi speċifikati.

L-Artikolu 22

Restrizzjonijiet fuq sajd għall-kavall

1. Iż-żamma abbord ta' kavall li jinqabdu ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati li ġejjin għandu jkun ipprojbit:

— punt fuq il-kosta tan-nofsinhar tar-Renju Unit flongitudni 2° 00 P,

— latitudni 49° 30 T, lonġitudni 2° 00 P,

— latitudni 49° 30 T, lonġitudni 7° 00 P,

— latitudni 52° 00 T, lonġitudni 7° 00 P,

— punt fuq il-kosta tal-punent tar-Renju Unit flatitudni 52° 00 T,

ħliet meta l-piż tal-kavalli ma jaqbiżx 15 % tal-piż ħaj tal-kwantitajiet totali ta' kavalli u organiżmi oħra tal-baħar abbord li kienu ġew maqbuda f'din iż-żona.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika:

(a) għal bastimenti li jistadu esklussivament bi xbieki li fihom il-ħut jeħel mill-garġi u/jew sajd fuq l-id;

(b) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew xbieki oħra simili ta' għbid ta' taħt l-ilma, sakemm ikollhom abbord minimu ta' 75 % f'piż ħaj ta' organiżmi tal-baħar bl-eċċezzjoni ta' l-inċova, aringi, sawrell, kavall, *cephalopods* tal-baħar miftuħ u sardin, maħdum bħala persentaġġ ta' piż ħaj totali ta' l-organiżmi tal-baħar kollha abbord;

(ċ) għal bastimenti li mhumiex mgħammra għas-sajd u li għal fuqhom qegħdin jiġu trasferiti kavalli minn bastiment ieħor.

3. Il-kavalli kollha li jkunu abbord għandhom ikunu meqjusa li jkunu ġew maqbuda fiż-żona li għaliha hemm provdut bil-paragrafu 1, minbarra dawk li jkunu ġew dikjarati li jkunu abbord qabel ma l-bastiment ikun daħal f'dik iż-żona, taħt il-proċedura deskritta fis-sottoparagrafi li ġejjin.

Il-kaptan ta' bastiment li għandu l-ħsieb li jidħol f'dik iż-żona sabiex jistad, u li għandu kavalli abbord, għandu javża lill-awtorità ta' kontroll ta' l-Istat Membru li fih tinsab iż-żona li jkollu l-ħsieb li jistad fiha, bil-ħin u l-post fejn se jasal f'dik iż-żona, mhux aktar minn 36 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel ma l-bastiment jidħol f'dik iż-żona.

Malli jidħol fiż-żona, huwa għandu jinnotifika lill-awtorità ta' kontroll kompetenti bil-kwantitajiet ta' kavalli li għandu abbord u li huma mdaħħla fil-*logbook*. Il-kaptan jista jkun mitlub li jippreżenta l-*logbook* tiegħu u l-qabdiel abbord għal verifika f'post u ħin li jkunu stabbiliti mill-awtorità ta' kontroll kompetenti. Il-ħin għandu jkun mhux aktar tard minn sitt siegħat wara li l-awtorità ta' kontroll tirċievi l-messaġġ li jinnotifika l-kwantitajiet ta' kavalli abbord u l-post għandu jkun kemm jista jkun viċin il-punt ta' dħul fiż-żona.

Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd li jkollu l-ħsieb li jidħol f'dik iż-żona bil-ħsieb li jkollu kavalli mqiegħda fuq il-bastiment tiegħu minn fuq bastiment ieħor għandu javża lill-awtorità ta' kontroll ta' l-Istat Membru li fiż-żona tiegħu se jseħħ it-trasferiment minn bastiment għall-ieħor, bil-ħin u l-post maħsuba li jsir dan mhux aktar tard minn 36 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel jibda t-trasferiment minn bastiment għall-ieħor. Immedjatament malli jitlestha t-trasferiment minn bastiment għal ieħor, il-kaptan għandu jinforma lill-awtorità kompetenti bil-kwantitajiet ta' kavalli li jkunu ġew trasferiti għal dak il-bastiment.

L-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti huma:

— għal Franza:

Mimer, telex Paris 25 08 23,

— għall-Irlanda:

Department of Marine, telex Dublin 91798 MRNE,

— għar-Renju Unit:

Ministry of Agriculture, Fisheries and Food, telex Londra 21274.

L-Artikolu 23

Restrizzjonijiet fuq sajd għall-inċova

1. Iż-żamma abbord ta' inċova maqbuda bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiċi f'Diviżjoni VIIIċ ta' ICES jew is-sajd għal inċova b'xbieki tat-tkarkir pelaġiċi f'din id-Diviżjoni għandhom ikunu projbiti.

2. Ġewwa d-Diviżjoni riferita fil-paragrafu 1, il-ġarr abbord simultanju ta' b'xbieki tat-tkarkir pelaġiċi u ta' tartaruni magħluqin għandu jkun ipprojbit.

L-Artikolu 24

Restrizzjonijiet fuq sajd għat-tonn

1. Iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' tonn tonn qabbieżi, ta' għajnejn kbar jew tal-pinna safra li huma maqbuda bl-użu ta' tartaruni magħluqin fibhira taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Portugall fis-sub-żona X ta' ICES fit-tramuntana ta' 36° 30' T jew f'inħawi ta' CECAF fit-tramuntana ta' 31° T u fil-lvant ta' 17° 30' P, jew is-sajd għall-ispeċi msemija fiż-żoni msemija bl-apparat imsemmi għandu jkun ipprojbit.

2. Iż-żamma abbord ta' tonn li jkun maqbud bi xbieki tal-wieċ fibhira taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Spanja jew tal-Portugall fis-sub-żona VIII, IX u X, jew f'inħawi ta' CECAF madwar il-Gżejjer Kanarji u Madejra, jew is-sajd għall-ispeċi msemija fiż-żoni msemija bl-apparat imsemmi għandu jkun ipprojbit

L-Artikolu 25

Restrizzjonijiet fuq sajd għal gambli biex ikun protett il-ħut ċatt

1. Iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' gambli komuni u gambli Aesop maqbuda bi xbieki ta' ġbid ta' taħt l-ilma ta' kull daqs ta' toqob li jvarja bejn 16 u 31 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm il-bastiment ma jkollux installat abbord apparat li jissepara ħut ċatt minn gambli komuni u gambli Aesop wara l-qabda.

2. Xibka ta' tkarkir li tissepura jew xibka li jkollha grid sabiex tagħżel, għandhom ikunu użati sabiex jinqabdu gambli komuni u gambli Aesop. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mfasla skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48.

3. Madankollu, kwantitajiet ta' gambli komuni u gambli Aesop jistgħu jinżammu abbord bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, sakemm dawn il-kwantitajiet ma jaqbżux 5 % tal-piż nett ħaj ta' organiżmi tal-baħar abbord.

L-Artikolu 26

Restrizzjonijiet fuq sajd għal salamun u trota tal-baħar

1. Salamun u trota tal-baħar ma jistgħux jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatament malli jinqabdu:

— fl-ibhira li jinsabu barra l-limitu ta' sitt mili mkejjel mill-linji bażi ta' Stati Membri f'reġjuni 1, 2, 3 u 4,

— permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(1), barra l-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri fir-reġjuni 1, 2, 3, u 4, minbarra fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' Greenland u tal-Gżejjer Faroe,

— meta jsir sajd b'kull xibka ta' ġbid.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal salamun u trota tal-baħar ġewwa l-Iskagerrak u Kattogat.

L-Artikolu 27

Restrizzjonijiet fuq sajd għal *pout* tan-Norveġja sabiex ikun protett ħut tond ieħor

1. Iż-żamma abbord ta' *pout* tan-Norveġja maqbuda b'kull apparat ta' ġbid fiż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-punti segwenti għandu jkun ipprojbit:

— punt f'56° T fil-kosta tal-lvant tar-Renju Unit sa 2° L,

— tramuntana għal 58° T, punent għal 0° 30' P, tramuntana għal 59° 15' T, lvant għal 1° L, tramuntana għal 60° T, punent għal lonġitudni 0° 00',

— minn hemm tramuntana għal 60° 30' T, punent għal kosta ta' Shetland Isles, imbagħad punent minn 60° T fuq il-kosta tal-punent ta' Shetlands għal 3° P, nofsinhar għal 58° 30' T,

— u finalment punent għall-kosta tar-Renju Unit.

2. Madankollu, bastimenti jstgħu iżommu abbord kwantitajiet ta' *pout* tan-Norveġja miż-żona u maqbuda bl-apparat deskritt fil-paragrafu 1, kemm-il darba dawn ma jaqbżux 5 % tal-piż totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord li jkunu ġew maqbuda fiż-żona msemmija bl-apparat imsemmi.

L-Artikolu 28

Restrizzjonijiet fuq sajd għal merluzz

1. Sajd b'kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xibka ta' ġbid simili, fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perjodi msemmija hawn taħt, għandu jkun ipprojbit:

(a) mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

— il-punt fil-kosta tat-tramuntana ta' Spanja msejjaħ Cabo Prior (latitudni 43° 34 T, lonġitudni 8° 19 P),

— latitudni 43° 50 T, lonġitudni 8° 19 P,

— latitudni 43° 25 T, lonġitudni 9° 12 P,

— il-punt fil-kosta tal-punent ta' Spanja msejjaħ Cabo Villano (latitudni 43° 10 T, lonġitudni 9° 12 P);

(b) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

— il-punt fil-kosta tal-punent ta' Spanja msejjaħ Cabo Corrubedo (latitudni 42° 35 T, lonġitudni 9° 05 P),

— latitudni 42° 35 T, lonġitudni 9° 25 P,

— latitudni 43° 00 T, lonġitudni 9° 30 P,

— il-punt fuq il-kosta tal-punent ta' Spanja flatitudni 43° 00 T;

(ċ) mill-1 ta' Diċembru sal-aħħar ġurnata ta' Frar tas-sena ta' wara, ġewwa ż-żona ġeografika limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

— punt fuq il-kosta tal-punent tal-Portugall flatitudni 37° 50 T,

— latitudni 37° 50 T, lonġitudni 9° 08 P,

— latitudni 37° 00 T, lonġitudni 9° 07 P,

— punt fuq il-kosta tal-punent tal-Portugall flatitudni 37° 00 T.

2. Ġewwa ż-żoni u matul il-perjodi riferiti fil-paragrafu 1, iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir, *seine* Daniża jew xbieki simili ta' ġbid għandu jkun ipprojbit, sakemm tali apparat ikun marbut u merfugħ bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Artikolu 29

Restrizzjonijiet fuq sajd għall-barbun tat-tbajja

1. Bastimenti itwal minn tmien metri b'kollox, għandhom ikunu projbiti milli jużaw kull xibka ta' tkarkir, tartarun Daniż jew apparat simili ta' ġbid ġewwa ż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) iż-żona ġewwa 12-il mil mill-kosta ta' Franza, tramuntana ta' latitudni 51° 00 T, il-Belġju, u l-Olanda sa latitudni 53° 00 T, imkejla mil-linji bażi;

(b) iż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

- punt fuq il-kosta tal-punent tad-Danimarka flatitudni 57° 00 T,
- latitudni 57° 00 T, lonġitudni 7° 15 L,
- latitudni 55° 00 T, lonġitudni 7° 15 L,
- latitudni 55° 00 T, lonġitudni 7° 00 L,
- latitudni 54° 30 T, lonġitudni 7° 00 L,
- latitudni 54° 30 T, lonġitudni 7° 30 L,
- latitudni 54° 00 T, lonġitudni 7° 30 L,
- latitudni 54° 00 T, lonġitudni 6° 00 L,
- latitudni 53° 50 T, lonġitudni 6° 00 L,
- latitudni 53° 50 T, lonġitudni 5° 00 L,
- latitudni 53° 30 T, lonġitudni 5° 00 L,
- latitudni 53° 30 T, lonġitudni 4° 15 L,
- latitudni 53° 00 T, lonġitudni 4° 15 L,
- punt fuq il-kosta ta' l-Olanda flatitudni 53° 00 T;
- (ċ) iż-żona ġewwa 12-il mil mill-kosta tal-punent tad-Danimarka minn latitudni 57° 00 T fit-tramuntana sal-fanal ta' Hirtshals, imkejla mil-linji bażi.
2. (a) Madankollu, bastimenti li għalihom inħareġ permess tas-sajd speċjali bi qbil ma l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94 għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fiż-żoni riferiti fil-paragrafu 1 li jużaw xbieki ta' tkarkir bit-travu. L-użu ta' kull xibka bi travu li t-tul tiegħu, jew ta' kull xbieki bi travu li t-total tat-tul tat-travu, imkejjel b'ħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ikun itwal minn disa metri, jew jista jkun imtawwal għal tul itwal minn disa metri, għandu jkun ipprobit, ħlief meta jintuża ma apparat li jkollu toqob ta' daqs ta' bejn 16 u 31 millimetru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estremittajiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.
- (b) Minkejja l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94, permessi ta' sajd speċjali għall-għanijiet murija f(a) jistgħu jkunu maħruġa għal bastimenti li jkunu itwal minn tul totali ta' tmien metri.
- (ċ) Bastimenti li għalihom ikun inħareġ permess ta' sajd speċjali kif riferit f(a) u (b) għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:
- għandhom ikunu inklużi f'lista li għandha tkun provduta lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru sabiex is-saħħa tal-magna totali tal-bastimenti f'kull lista ma taqbiżx is-saħħa tal-magni totali murija għal kull Stat Membru fl-1 ta' Jannar 1998,
- is-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx 221 kilowatts (kW) f'xi żmien, fil-każ ta' magni b'rata mnaqqsa li ma kienux jaqbiżu 300 kW qabel it-tnaqqis tar-rata.
- (d) Kull bastiment individwali fil-lista jista jkun mibdul b'bastiment jew b'bastimenti oħra, kemm-il darba:
- l-ebda tibdil ma jwassal għal żjieda fis-saħħa tal-magni totali ta' kull Stat Membru murija fl-ewwel indent ta' (ċ),
- is-saħħa tal-magna ta' kull bastiment sostitut ma taqbiżx 221 kW f'xi ħin,
- il-magna ta' kull bastiment sostitut ma tkunx tnaqsitilha r-rata, u
- it-tul totali ta' kull bastiment sostitut ma jaqbiżx 24 metru.
- (e) Magna ta' kull bastiment individwali fil-lista għal kull Stat Membru tista tkun mibdula, sakemm:
- is-sostituzzjoni ta' magna ma twassalx li s-saħħa tal-magna tal-bastiment taqbeż 221 kW f'xi ħin,
- il-magna sostituta ma tkunx tnaqsitilha r-rata, u
- is-saħħa tal-magna sostituta ma tkunx b'tali mod li t-tibdil iwassal għal żieda fis-saħħa tal-magni totali kif murija fl-ewwel indent ta' (ċ) għal dak l-Istat Membru.
- (f) Bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mal-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu għandu jittihdilhom il-permess speċjali tas-sajd.
3. Minkejja l-paragrafu 2(a), bastimenti li għandhom permess speċjali ta' sajd u li l-attività ewlenija tagħhom tkun is-sajd għall-gamblu komuni, għandhom jitħallew jużaw xbieki bi travi li t-total tat-tul tat-travu, imkejjel b'ħala s-somma tat-tul ta' kull travu, jkun itwal minn disa metri meta mħaddma b'apparat li jkollu toqob ta' daqs ta' bejn 80 u 99 millimetru, kemm-il darba ma jkunx inħareġ permess speċjali ieħor ta' sajd għal dak il-għan għal dawk il-bastimenti. Dan il-permess speċjali ieħor ta' sajd għandu jkun imġedded kull sena.
- Kull bastiment jew bastimenti li għalih ikun inħareġ tali permess speċjali ta' sajd jista jkun mibdul b'bastimenti ieħor, kemm-il darba:
- il-bastiment sostitut ma jaqbiżx 70 GRT u ma jaqbiżx tul totali ta' 20 metru, jew
- is-saħħa tal-bastiment sostitut ma taqbiżx 180 kW u sakemm il-bastiment sostitut ma jaqbiżx tul totali ta' 20 metru.

Bastimenti tas-sajd li ma jibqgħux jikkonformaw mal-kriterji speċifikati f'dan il-paragrafu għandu jittihdilhom il-permess speċjali żejjed ta' sajd għal kollox.

4. (a) Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1:

- bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx 221 kW f'kull ħin u, fil-każ ta' magni bir-rata mnaqqsa ma kienux jaqbżu 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata, għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fl-inħawi riferiti f'dak il-paragrafu bl-użu ta' xbieki ta' lontri ta' taħt l-ilma,
- bastimenti f'par li s-saħħa tal-magni tagħhom flimkien ma taqbiżx 221 kW f'kull ħin u, fil-każ ta' magni bir-rata mnaqqsa ma kienux jaqbżu 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata, għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fl-inħawi msemija bl-użu ta' xbieki ta' lontri ta' taħt l-ilma.

(b) Madankollu, bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom taqbeż 221 kW għandhom jitħallew jużaw xbieki għal lontri ta' taħt l-ilma, jew bastimenti f'par li s-saħħa tal-magni tagħhom flimkien ma taqbiżx 221 kW għandhom jitħallew jużaw xbieki f'par ta' taħt l-ilma, kemm-il darba:

- (i) — il-qabda ta' fjammetti u/jew sardin miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemija jikkostitwixxu mill-inqas 90 % tal-piż ħaġ totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fiż-żoni msemija, u
- il-kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemija ma jaqbżux 2 % tal-piż ħaġ totali ta' l-organiżmi

tal-baħar abbord u maqbuda fiż-żoni msemija;

jew

(ii) — it-toqob tax-xbieki jkunu ta' l-inqas 100 millimetru, u

— il-kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemija ma jaqbżux 5 % tal-piż totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fl-imsemmija żoni;

jew

(iii) — it-toqob tax-xbieki jkunu ta' daqs ta' l-inqas 80 millimetru, u

— l-użu ta' tali toqob ta' xbieki hu ristrett għal żona ġewwa 12-il mil mill-kosta ta' Franza fit-tramuntana ta' latitudni 51° 00 N, u

— il-kwantitajiet ta' barbun tat-tbajja u/jew lingwata miżmuma abbord u maqbuda fiż-żoni msemija, ma jaqbżux 5 % tal-piż ħaġ totali ta' l-organiżmi tal-baħar abbord u maqbuda fl-imsemmija żoni;

5. Ġewwa żoni fejn ma jistgħux jintużaw xbieki ta' tkarkir bi travi, xbieki ta' tkarkir għal lontri jew xbieki ta' tkarkir tal-qiegħ, il-ġarr abbord ta' tali xbieki għandu jkun ipprojbit, sakemm ma jkunux marbuta u merfugħa bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

6. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu stabbiliti bi qbil mal-proċedura dettata fl-Artikolu 48.

IT-TITOLU V

RESTRIZZJONIJIET FUQ ĊERTI TIPI TA' SAJD U ATTIVITAJIET ASSOĊJATI

L-Artikolu 30

Restriżżjonijiet fuq l-użu ta' apparat ta' ġbid ta' taħt l-ilma

1. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jkollhom abbord jew li jużaw xi xibka ta' tkarkir bi travu li t-tul tat-travu tagħha, jew xi xbieki ta' tkarkir bit-travi li t-total tat-tul tat-travi mkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, jkun aktar minn 24 metru jew jista jkun imtawwal għal tul ta' aktar minn 24 metru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estrematajiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.

2. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti mill-jużaw xbieki ta' tkarkir bi travi li d-daqs tat-toqob ikun bejn 32 u 99 millimetru, ġewwa waħda miż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) il-Baħar ta' Fuq fit-tramuntana ta' linja bejn il-punti li ġejjin:

— punt fuq il-kosta tal-lvant tar-Renju Unit f'latitudni 55° T,

— imbagħad l-avant għal latitudni 55° T, lonġitudni 5° L,

- imbagħad tramuntana għal latitudni 56° T,
- u finalment lvant għal punt fuq il-kosta tal-punent tad-Danimarka fl-itudni 56° T;

(b) Diviżjoni Vb ta' ICES, sub-żona ta' ICES tramuntana ta' latitudni 56° T u sub-żona XII ta' ICES tramuntana ta' latitudni 56° T.

Ġewwa ż-żoni msemmija taħt (a) u (b), iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir bi travi li d-daqs tat-toqob tagħha jkun bejn 32 u 99 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm tali xibka tkun marbuta u merfugħa bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

3. Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti mill-jużaw kull xibka ta' tkarkir għall-qbid ta' lontri, xibka ta' tkarkir f'par ta' taħt l-ilma jew *seine* Daniż li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun bejn 80 u 99 millimetru ġewwa ż-żona ġeografika stabbilita fil-paragrafu 2(a) Ġewwa din iż-żona, iż-żamma abbord ta' kull xibka ta' tkarkir ta' taħt l-ilma għall-qbid ta' lontri, xibka f'par ta' taħt l-ilma jew *seine* Daniż li d-daqs tat-toqob tagħhom ikun bejn 80 u 99 millimetru għandu jkun ipprojbit, sakemm tali xibka tkun marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Artikolu 31

Metodi ta' sajd mhux konvenzjonali

1. Il-qabda ta' organiżmi tal-baħar bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' esplossivi, sustanzi velenużi jew stupefaċenti jew kurrent elettriku għandu jkun ipprojbit.
2. Il-bejgħ, wiri jew tpoġġija għall-bejgħ ta' organiżmi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' kull tip ta' twaddieb ta' sparar għandu jkun ipprojbit.

L-Artikolu 32

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir ta' għażla awtomatiku

1. Iż-żamma jew l-użu abbord ta' bastiment tas-sajd ta' tagħmir li jkun jista jagħżel awtomatikament, aringi jew sawrell jew kavalli, skond id-daqs jew skond is-sess għandu jkun ipprojbit.
2. Madankollu, il-ġarr u l-użu ta' tali tagħmir għandu jkun permess kemm-il darba:
 - (a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord f'fin simultanju apparat ta' għid ta' daqs ta' toqob inqas minn 70 millimetru jew purse *seine* waħda jew aktar jew apparat tas-sajd simili;

jew
 - (b) (i) il-qabda kollha li tkun tista tinżamm abbord bil-liġi tkun maħżuna fi stat friżat, il-ħut magħżul ikun iffriżat immedjatament wara li jintagħżel u l-ebda ħut magħżul

ma jkun mitfugħ lura l-baħar minbarra kif meħtieġ bl-Artikolu 19;

u

- (ii) it-tagħmir ikun installat u miżmum fuq il-bastiment b'tali mod sabiex jassigura friżar immedjat u li ma jħallix it-tfiegħ lura fil-baħar ta' organiżmi tal-baħar.

3. Kull bastiment awtorizzat fil-Baltiku, Belts jew Sound jista jġorr tagħmir ta' għażla awtomatiku fil-Kattegat sakemm ikun maħruġ permess speċjali tas-sajd għal dak l-effett.

Il-permess speċjali tas-sajd għandu jiddefinixxi l-ispeċi, l-iinhawi, il-perjodi ta' żmien u kull kondizzjoni oħra applikabbli għall-użu u l-ġarr abbord tat-tagħmir ta' għażla.

L-Artikolu 33

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' *seines* magħluqin

1. Il-ħidma ta' kull tidwir b' *seines* magħluqin ta' kull ġliba jew grupp ta' mammiferi tal-baħar għandu jkun ipprojbit.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika, minkejja l-Artikolu 1, għall-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera ta', jew huma rreġistrati fi Stat Membru, fl-ibħra kollha.

L-Artikolu 34

Restrizzjonijiet fuq attivitajiet tas-sajd fiż-żona tat-12-il mil madwar ir-Renju Unit u l-Irlanda

1. Bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw xi xbieki bit-travu ġewwa ż-żoni fi 12-il mil mill-kosti tar-Renju Unit u l-Irlanda, imkejla mill-linji bażi minn fejn ikunu mkejla l-ibħra teritorjali.
2. Madankollu, bastimenti f'xi waħda mill-kategoriji li ġejjin huma awtorizzati li jistadu fl-iinhawi riferiti fil-paragrafu 1 bl-użu ta' xbieki bit-travu:
 - (a) bastiment li beda jaħdem qabel l-1 ta' Jannar 1987, u li s-saħħa tal-magna tiegħu ma taqbiżx 221kW, u fil-każ ta' magni b'rata mnaqqsa, li ma kienux jaqbżu 300 kW qabel ma tnaqsitilhom ir-rata;
 - (b) bastiment li beda jaħdem wara l-31 ta' Diċembru 1986 li l-magna tiegħu m'għandhiex rata mnaqqsa, li s-saħħa tal-magna tiegħu ma taqbiżx 221kW, u li t-tul totali ma jaqbiżx 24 metru;
 - (c) bastiment li kellu l-magna tiegħu mibdula wara il-31 ta' Diċembru 1986 b'magna li m'għandhiex rata mnaqqsa u li s-saħħa tagħha ma taqbiżx 221 kW.
3. Minkejja l-paragrafu 2, l-użu ta' xi xibka bit-travu li t-tul tat-travu tagħha, jew ta' xi xibka bit-travu li t-tul tat-travu totali, imkejjel bħala s-somma tat-tul ta' travu, jkun akbar minn disa metri jew li jistajkun imtawwal għal tul itwal minn disa metri,

għandu jkun ipprojbit, minbarra meta ssir ħidma b'apparat li jkollu daqs ta' toqob ta' bejn 16 u 31-il millimetru. It-tul tat-travu għandu jkun imkejjel bejn l-estremijiet tiegħu li jinkludu t-twaħħil kollu miegħu.

4. Bastimenti tas-sajd li ma jikkonformawx mal-kriterji speċifiki fil-paragrafi 2 u 3 m'għandhomx jitħallew jieħdu sehem fl-attivitajiet tas-sajd riferiti f'dawk il-paragrafi.

5. Bastimenti li ma jistgħux jużaw xibka bi travi għandhom ikunu pprojbiti milli jgħorru tali xbieki abbord ġewwa ż-żoni riferiti f'dan l-Artikolu, sakemm ma jkunux marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93..

6. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mfassla skond il-proċedura dettata fl-Artikolu 48.

IT-TITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISKAGERRAK U KATTEGAT

L-Artikolu 35

Minkejja l-Artikolu 19(1), organiżmi tal-baħar żgħar maqbuda fl-Iskagerrak jew Kattegat jistgħu jinżammu abbord, jew ikunu trasferiti għal fuq bastiment ieħor, imhotta l-art, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ flimitu ta' 10 % skond il-piż ħaj tal-qabdiet kollha miżmuma abbord.

L-Artikolu 36

Salamun u trota tal-baħar m'għandhomx jinżammu abbord jew ikunu trasferiti fuq bastiment ieħor, ikunu mħotta l-art, trasportati, maħżuna, mibjugħa, murija jew imqiegħda għall-bejgħ, iżda għandhom ikunu mitfugħa lura l-baħar immedjatament, meta maqbuda f'kull parti ta' Skagerrak u Kattegat li tkun tinsab barra mill-limitu ta' erba mili mkejla mill-linja bażi ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 37

1. L-użu ta' xbieki ta' tkarkir b'toqob ta' daqs iżgħar minn 32 millimetri mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru fl-ibħra li jinsabu ġewwa tliet mili mill-linji bażi fl-Iskagerrak and Kattegat għandu jkun ipprojbit.

2. Madankollu, meta jsir sajd bi xbieki ta' tkarkir fibhra u matul il-perjodu riferit fil-paragrafu 1:

— għal gambli tat-tramuntana (*Pandalus borealis*), jistgħu jintużaw xbieki b'toqob b daqs ta' 30 millimetru,

— għal budakkra (*Zoarces viviparus*), imzazen (*Gobiidae*) jew ċippulazz (*Cottus ssp.*) sabiex jintużaw bħala lixka, jistgħu jintużaw xbieki b'toqob ta' kull daqs.

L-Artikolu 38

Iż-żamma abbord ta' xi kwantità ta' aringi, kavalli jew sardin maqbuda bl-użu ta' xbieki ta' tkarkir jew *seines* magħluqin bejn nofs il-lejl tas-Sibt u nofs il-lejl tal-Ħadd fl-Iskagerrak, u bejn nofs il-lejl tas-Ġimgħa u nofs il-lejl tal-Ħadd fil-Kattegat għandu jkun ipprojbit.

L-Artikolu 39

L-użu ta' xi xibka bit-travu fil-Kattegat għandu jkun ipprojbit.

L-Artikolu 40

Matul il-perjodi u ġewwa ż-żoni riferiti fl-Artikoli 37, 38 u 39 ta' dan ir-Regolament, fejn xbieki ta' tkarkir jew xbieki bit-travi ma jistgħux jintużaw, il-ġarr abbord ta' tali xibka għandu jkun ipprojbit, sakemm ma tkunx marbuta u merfugħa skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) ta' Regolament (KEE) Nru 2847/93.

L-Artikolu 41

Minkejja l-Artikolu 31, jista jkun użat kurrent elettriku jew *harpoon* sabiex jinqabad tonn u pixxitunnu (*Cetorhinus maximus*) fl-Iskagerrak u Kattegat.

IT-TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

L-Artikolu 42

Ħidmiet ta' proċessar

1. It-twertieq abbord bastiment tas-sajd ta' xi proċessar fiżiku jew kimikali ta' ħut sabiex tkun prodotta farina tal-ħut, żejt tal-ħut, u prodotti simili, jew li jkunu trasferiti qabdiet ta' ħut għal tali għanijiet għandu jkun ipprojbit. Din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-proċessar jew it-trasferiment għal fuq bastiment ieħor ta' skart.

2. Paragrafu 1 m'għandux japplika għall-produzzjoni abbord ta' bastimenti tas-sajd ta' surimi u polpa tal-ħut.

L-Artikolu 43

Riċerka xjentifika

1. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa biss għall-għan ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li

humamwettqa bil-permess utaht l-awtorità ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri konċernati u li l-Kummissjoni u l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fl-ibħra tagħhom tkun qed issir ir-riċerka ġew infurmati bihom minn qabel.

2. Organiżmi tal-baħar maqbuda għall-għanijiet imfissra fil-paragrafu 1 jistgħu ikunu mibjugħa, maħżuna, murija jew offruti għall-bejgħ kemm-il darba:

- jissodisfaw il-livelli stabbiliti fl-Anness XII għal dan ir-Regolament u l-livelli tas-suq adottati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura ⁽¹⁾, jew
- ikunu mibjugħa direttament mhux bil-għan ta' konsum uman.

L-Artikolu 44

Popolar mill-ġdid u transplantazzjoni artifiċjali

1. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa biss għall-għan ta' popolar mill-ġdid u transplantazzjoni artifiċjali ta' organiżmi tal-baħar li jkunu mwettqa bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri konċernati. Fejn il-popolar mill-ġdid u t-transplantazzjoni artifiċjali jkunu mwettqa fl-ibħra ta' Stat Membru jew Stati Membri oħra, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha konċernati għandhom ikunu nfurmati minn qabel.

2. Organiżmi tal-baħar maqbuda għall-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u wara mitfugħa lura l-baħar ħajjin, jistgħu ikunu mibjugħa, maħżuna, murija jew offruti għall-bejgħ, sakemm il-livelli tas-suq adottati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3759/92 ikunu mħarsa.

IT-TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 45

1. Fejn il-konservazzjoni ta' ħażniet ta' organiżmi tal-baħar titlob azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista, b'żieda ma jew permezz ta' deroga minn dan ir-Regolament, tadotta kull miżura neċessarja bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 48.

2. Fejn il-konservazzjoni ta' ċerti speċi jew inħawi ta' sajd ikunu mħadda serjament, u fejn kull dewmien ikun ser jirriżulta fi ħsara li tkun diffiċli li tissewwa, Stat Membru jista jieħ u miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

3. Il-miżuri riferiti fil-paragrafu 2, flimkien ma memorandum ta' spjegazzjoni, għandhom ikunu komunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra malli jkunu adottati.

Fi żmien 10t ijiem xogħol minn mindu tirċievi tali notifika, il-Kummissjoni għandha tikkonferma tali miżuri, jew titlob il-kanċellazzjoni jew l-emendar tagħhom. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun innotifikata immedjatament lill-Istati Membri.

L-Istati Membri jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10t ijiem xogħol minn mindu jirċievu din in-notifika.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista jadotta deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

L-Artikolu 46

1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri għall-konservazzjoni u amministrar ta' ħażniet:

⁽¹⁾ ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).

(a) fil-każ ta' ħażniet lokali li huma ta' interess biss għas-sajjieda ta' l-Istat Membru konċernat; jew

(b) fil-forma ta' kondizzjonijiet jew arranġamenti dettaljati mfassla sabiex jillimitaw il-qabdiet permezz ta' miżuri tekniċi:

(i) li jissupplimentaw dawk definiti fil-leġislazzjoni tal-Komunità dwar is-sajd; jew

(ii) li jwasslu aktar mill-ħtiġiet minimi stabbiliti mil-leġislazzjoni msemmija;

kemm-il darba tali miżuri japplikaw biss għas-sajjieda ta' l-Istat Membru konċernat, ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u konformi mal-politika ta' sajd komuni.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa, fil-ħin sabiex tkun tista tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, b'kull pjanijiet li jkunu imdaħħla jew emendati miżuri tekniċi nazzjonali.

Jekk fi żmien xahar minn tali notifika il-Kummissjoni titlob dan, l-Istat Membru konċernat għandu jissospendi id-dħul fis-seħħ tal-miżuri pjanati sakemm jgħaddu tliet xhur mid-data ta' l-imsemmija notifika, sabiex il-Kummissjoni tkun tista tiddeċiedi f'dan il-perjodu jekk il-miżuri in kwistjoni jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

Fejn il-Kummissjoni issib, b'deċiżjoni li għandha tinforma biha lill-Istati Membri kollha, li miżura pjanata ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat ma jistax jimplimenta l-miżura mingħajr ma jagħmel il-bidliet neċessarji.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati, wara li jkunu saru l-emendi neċessarji.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba, bid-dettalji kollha meħtieġa sabiex jitqies jekk il-miżuri tekniċi nazzjonali tagħhom humiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

4. Fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba minn xi Stat Membru, il-kwistjoni jekk miżura teknika nazzjonali applikata minn Stat Membru tkunx konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista tkun is-suġġett ta' deċiżjoni meħuda bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48. Jekk tittieħed tali deċiżjoni, it-tielet u r-raba sottoparagrafi tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw.

5. Miżuri li għandhom x'jaqsmu ma sajd mix-xatt għandhom ikunu komunikati mill-Istat Membru konċernat lill-Kummissjoni għall-għanijiet ta' informazzjoni biss.

L-Artikolu 47

1. Mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, fuq it-twaqqif ta' regoli għall-użu ta' kumbinazzjonijiet ta' daqs ta' toqob li għandhom ikunu applikati fid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, fuq reviżjonijiet u emendi għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I sa XI, li għandhom ikun applikati fi żmien sena wara dik id-deċiżjoni.

2. Matul is-snin 1998, 1999 u 2000 l-Istati Membri waqt li japplikaw għal fondi mill-Kummissjoni għal proġetti sperimentali għandhom jagħtu prijorità għal proġetti sperimentali li għandhom x'jaqsmu ma l-utilità ta' pannewijiet b'toqob kwadri jew apparat ieħor sabiex tiżdied l-għażla għal apparat ta' għbid. Il-Kummissjoni, waqt li tistma proġetti sperimentali għal fondi, għandha tagħti prijorità lil dawn il-proġetti.

Il-Kummissjoni għandha tirraporta, u fl-istess ħin tissottometti proposti xierqa, dwar xi jkun instab mill-proġetti sperimentali lill-Kunsill mhux iktar tard minn erba snin mid-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar dawn il-proposti mhux iktar tard minn sena mid-data tas-sottomissjoni tal-proposti.

L-Artikolu 48

Għandhom ikunu implimentati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92. Dawn ir-regoli jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn:

- regoli tekniċi sabiex ikun stabbilit il-ħxuna ta' l-ispag,
- regoli tekniċi sabiex ikun stabbilit id-daqs tat-toqob,
- regoli sabiex jittieħdu kampjuni,
- listi u deskrizzjonijiet tekniċi ta' apparati li jstgħu jkunu mwaħħla max-xbieki,
- regoli tekniċi sabiex titkejjel is-saħħa tal-magna,
- regoli tekniċi li għandhom x'jaqsmu ma xbieki b'toqob kwadri,
- regoli tekniċi li għandhom xjaqsmu ma materjali tax-xbieki,
- emendi għar-regoli għall-użu ta' kumbinazzjonijiet ta' daqsijiet ta' toqob.

L-Artikolu 49

L-Artikoli li ġejjin ta', u l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 894/97 għandhom ikunu mħassra mill-1 ta' Jannar 2000:

- l-Artikoli 1 sa 10,
- l-Artikoli 12 sa 17,
- l-Annessi I sa VII.

Referenzi għar-Regolament imsemmi għandhom ikunu miftehema bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni mniżżla fl-Anness XV.

L-ismijiet xjentifiċi ta' organiżmi tal-baħar imsemmija speċifikament f'dan ir-Regolament huma mniżżla fl-Anness XIV.

L-Artikolu 50

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fis-seba jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 32(3) u l-Artikolu 47, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

Lord SIMON of HIGHBURY

L-ANNEX I

APPARAT TA' ĠBID: Reġjuni 1 u 2, minbarra Skagerrak u Kattegat

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom, u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
	< 16	16 sa 31	32 sa 54	55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99	≥ 100			
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
	95	90/60 ⁽³⁾ ⁽⁵⁾	60	30	90/60 ⁽⁴⁾	90	35	30	70 ⁽⁶⁾	Xejn
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) ⁽¹⁾	x	x			x		x	x	x	x
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) ⁽²⁾		x			x		x	x	x	x
Budakkra Norveġiża (<i>Trisopterus esmarkii</i>)		x			x		x	x	x	x
Perlan (<i>Atherina</i> spp. u <i>Osmerus</i> spp.)		x			x		x	x	x	x
Merluzz (<i>Trisopterus minutus</i>)		x			x		x	x	x	x
Silvery cod (<i>Gadus argenteus</i>)		x			x		x	x	x	x
Red bandfish (<i>Cepolidae</i>)		x			x		x	x	x	x
Sprat (<i>Sprattus sprattus</i>),		x			x		x	x	x	x
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)		x			x		x	x	x	x
Inċova (<i>Engraulis encrasicolus</i>)		x			x		x	x	x	x
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)		x			x		x	x	x	x
Argentines (<i>Argentinidae</i>)		x			x		x	x	x	x
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)		x			x		x	x	x	x
Gambli/Gambli kbar komuni (<i>Pandalus montagui</i> , <i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon</i> spp.)			x	x	x		x	x	x	x
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)	Ø				x	x	x	x	x	x
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)					x		x	x	x	x
Aringi (<i>Clupea harengus</i>),					x		x	x	x	x
Klamari (<i>Loliginidae</i> , <i>Ommastrephidae</i>)	Ø				x		x	x	x	x
Msella (<i>Belone</i> spp.)	Ø				x		x	x	x	x
Huta żgħira mill-klasi tal-merluzz (<i>Trisopterus luscus</i>)	Ø				x		x	x	x	x
Gambli kbar (<i>Pandalus</i> spp., <i>Parapenaeus longirostris</i>)	Ø			x			x	x	x	x
Gringu (<i>Conger conger</i>)	Ø ÿ						x	x	x	x
Traċna (<i>Trachinidae</i>)	Ø ÿ						x	x	x	x
Gurnardi (<i>Triglidae</i>)	ÿ						x	x	x	x
Qarnita (<i>Octopus vulgaris</i>)	Ø ÿ						x	x	x	x
Awwist squat (<i>Galatheidae</i>)	Ø ÿ						x	x	x	x
Awwist Norveġiż (<i>Nephrops norvegicus</i>)	Ø ÿ						x	x	x	x
Sole (<i>Solea vulgaris</i>)	Ø ÿ								x	x
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	Ø ÿ								x	x
Marlozz (<i>Merluccius merluccius</i>)	Ø ÿ								x	x
Megrim (<i>Lepidorhombus</i> spp.)	Ø ÿ								x	x
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)	Ø ÿ								x	x
Rombu lixx (<i>Scophthalmus rhombus</i>)	Ø ÿ								x	x

(1) F'żoni u żminijiet tas-sena barra dawk speċifikati fit-tieni nota tal-qiegħ.

(2) Fil-baħar tat-tramuntana, mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar jum ta' Frar.

(3) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

— ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew

— ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalih u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu "Ø".

(4) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

— ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew

— ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalih u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu "ÿ".

(5) Dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw limitazzjonijiet dwar qbid ta' aringi li jista' jkun miżmum abbord meta meħud max-xbieki ta' 16 sa 31 mm tad-daqs tal-malja huma stipulati fil-leglżlazzjoni ta' Komunità li tiffissa, għal ċertu ħażniet tal-ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, qabdi totali permessi u ċertu kondizzjonijiet taħt liem huma jistgħu jinstadu.

(6) Matul l-ewwel sena wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament persentaġġ minimu ta' 50 % ta' l-ispeċi fil-mira għandhom ikunu bir-rispett għall-qabdi meħuda fir-Reġjun 2 bl-eċċezzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana, it-Taqsima Vb ta' l-ICES, is-sub-żona VI fit-tramuntana tal-latitudni 56° T.

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)									
	< 16	16 sa 31	32 sa 54	55 sa 69	70 sa 79	80 sa 99	≥ 100			
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom									
	95	90/60 (¹) (³)	60	30	90/60 (²)	90	35	30	70 (⁴)	Xejn
Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>)	Ø ÿ								x	x
Barbun dab (<i>Limanda limanda</i>)	Ø ÿ								x	x
Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>)	Ø ÿ								x	x
Sea bass (<i>Dicentrarchus labrax</i>)	Ø ÿ								x	x
Il-Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (<i>Platichthys flesus</i>)	Ø ÿ								x	x
Lemon sole (<i>Microstomus kitt</i>)	Ø ÿ								x	x
Mazzola (<i>Scyliorhinidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Witch (<i>Glyptocephalus cynoglossus</i>)	Ø ÿ								x	x
John Dory (<i>Zeus faber</i>)	Ø ÿ								x	x
Arzelli (<i>Chlamys opercularis</i>)	Ø ÿ								x	x
Arzelli variegated (<i>Chlamys varia</i>)	Ø ÿ								x	x
Mullets ħomor (<i>Mullidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Mullets griżi (<i>Mugilidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Grenadiers (<i>Nezumia</i> spp., <i>Trachyrhynchus</i> spp., <i>Malococephalus</i> spp.)	Ø ÿ								x	x
Hairtails (<i>Trichiuridae</i>)	Ø ÿ								x	x
Anglers (<i>Lophiidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Skejts u raġġi (<i>Rajidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Brimi tal-baħar (<i>Sparidae</i>)	Ø ÿ								x	x
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)	Ø ÿ								x	x
L-organiżmi marittimi kollha										x

(¹) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

- ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew
- ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalihom u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu "Ø".

(²) Il-qabda miżmuma abbord għandha tikkonsisti minn:

- ta' l-inqas 90 % ta' kwalunkwe taħlita ta' żewġ speċi mmirati għalihom jew iktar, jew
- ta' l-inqas 60 % ta' kwalunkwe speċi mmirat għalihom u mhux iktar minn 5 % ta' kwalunkwe taħlita ta' bakkaljaw, bakkaljaw żgħir u *saithe* u mhux iktar minn 15 % ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi mmarkati bis-simbolu "ÿ".

(³) Dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw limitazzjonijiet dwar qbid ta'aringi li jista jkun miżmum abbord meta meħud max-xbieki ta' 16 sa 31 mm tad-daqs tal-malja huma stipulati fil-leglizazzjoni ta' Komunità li tiffissa, għal ċertu ħażniet tal-ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, qabdiel totali permessi u ċertu kondizzjonijiet taħt liem huma jistgħu jinstadu.

(⁴) Matul l-ewwel sena wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament persentaġġ minimu ta' 50 % ta' l-ispeċi fil-mira għandhom ikunu bir-rispett għall-qabdiel meħuda fir-Reġjun 2 bl-eċċezzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana, it-Taqsima Vb ta' l-ICES, is-sub-żona VI fit-tramuntana tal-latitudni 56° T.

L-ANNEX II

APPARAT TA' ĠBID: Reġjun 3, minbarra Diviżjoni IXa ta' ICES fil-lvant ta' lonġitudni 7° 23 48 P

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja waħda

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)							
	16 sa 31		32 sa 54		55 sa 59		60 sa 69	≥ 70
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom							
	50 %	90 %	90 %	30 %	70 %	70 %	Xejn	
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>)		x	x		x	x	x	
Budakkra Norveġiża (<i>Trisopterus esmarkii</i>)		x	x		x	x	x	
Sprat (<i>Sprattus sprattus</i>),		x	x		x	x	x	
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)		x	x		x	x	x	
Inċova (<i>Engraulis encrasicolus</i>)		x	x		x	x	x	
Perlan (<i>Atherina</i> spp. u <i>Osmerus</i> spp.)		x	x		x	x	x	
Merluzz (<i>Trisopterus minutus</i>)		x	x		x	x	x	
Silvery cod (<i>Gadus argenteus</i>)		x	x		x	x	x	
Red bandfish (<i>Cepolidae</i>)		x	x		x	x	x	
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)		x	x		x	x	x	
Granċ li jgħum (<i>Polybius henslowi</i>)	x		x		x	x	x	
Gambli (<i>Pandalus mantagui</i> , <i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon</i> spp.)	x		x	x	x	x	x	
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)			x		x	x	x	
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)			x		x	x	x	
Aringi (<i>Clupea harengus</i>),			x		x	x	x	
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)			x		x	x	x	
Argentines (<i>Argentinidae</i>)			x		x	x	x	
Klamari (<i>Loliginidae</i> , <i>Ommastrephidae</i>)			x		x	x	x	
Msella (<i>Belone</i> spp.)			x		x	x	x	
Budakkra (<i>Trisopterus</i> spp.)			x		x	x	x	
Wedge sole (<i>Dicologlossa cuneata</i>)			x		x	x	x	
Gambli kbar (<i>Pandalus</i> spp.)			x	x	x	x	x	
Brimi (<i>Bramidae</i> , <i>Berycidae</i>)					x	x	x	
Gringu (<i>Conger conger</i>)					x	x	x	
Brimi tal-baħar (<i>Sparidae</i> minbarra <i>Spondyliosoma cantharus</i>)					x	x	x	
Rockfish (<i>Scorpaenidae</i>)					x	x	x	
Sole (<i>Microchirus azevia</i> , <i>Microchirus variegatus</i>)					x	x	x	
Forkbeard (<i>Phycis</i> spp.)						x	x	
Traċna (<i>Trachinidae</i>)					x	x	x	
Gurnardi (<i>Triglidae</i>)					x	x	x	
Picarels (<i>Centracanthidae</i>)					x	x	x	
Qarnita (<i>Octopus vulgaris</i> , <i>Eledone cirrosa</i>)					x	x	x	
Wrasses (<i>Labridae</i>)					x	x	x	
Gambli (<i>Aristeus antennatus</i> , <i>Aristaeomorpha foliacea</i> , <i>Parapenaeus longirostris</i>)								
Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>)						x	x	
Grenadiers (<i>Malacocephalus</i> spp., <i>Nezumia</i> spp., <i>Trachyrhynchus</i> spp.)						x	x	
Mazzola (<i>Scyliorhinidae</i>)					S	x	x	
Common mora (<i>Mora moro</i>)						x	x	
Awwist squat (<i>Galatheididae</i>)						x	x	
John Dory (<i>Zeus faber</i>)						x	x	
Mulletti ħomor (<i>Mullidae</i>)						x	x	
L-organiżmi marittimi kollha							x	

L-ANNEX III

APPARAT TA' ĠBID: Diviżjoni IXa ta' ICES fil-lvant ta' lonġitudni 7° 23 48 P

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja waħda

Speċi mmirati għalihom	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)	
	40 sa 54	≥ 55
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom	
	60 % ⁽¹⁾	Xejn
Mulletti griżi (<i>Mugilidae</i>)	x	x
Brimi tal-baħar (<i>Sparidae</i>)	x	x
Mulletti ħomor (<i>Mullidae</i>)	x	x
Gurnardi (<i>Triglidae</i>)	x	x
Traċna (<i>Trachinidae</i>)	x	x
Wrasses (<i>Labridae</i>)	x	x
Forkbeard (<i>Phycis</i> spp.)	x	x
Wedge sole (<i>Dicologlossa cuneata</i>)	x	x
Spotted flounder (<i>Citharus linguatula</i>)	x	x
Gringu (<i>Conger conger</i>)	x	x
Mantis shrimp (<i>Squilla mantis</i>)	x	x
Gambli kbar (<i>Parapenaeus longirostris</i> , <i>Pandalus</i> spp.)	x	x
Klamari (<i>Ommastrephidae</i> , <i>Loliginidae</i> <i>Alloteuthis</i> spp.)	x	x
Qarnita (<i>Octopus vulgaris</i>)	x	x
Siċċa (<i>Sepia</i> spp.)	x	x
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)	x	x
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)	x	x
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)	x	x
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)	x	x
Perlan (<i>Atherina</i> spp., <i>Osmerus</i> spp.)	x	x
Msella (<i>Belone</i> spp.)	x	x
L-organiżmi marittimi kollha		x

⁽¹⁾ Kwantitajiet ta' kwalunkwe taħlita ta' l-ispeċi l-oħra msemmija fl-Anness XII miżmuma abbord ma jistgħux jaqsbu 10 % bit-toqol tal-qabda totali miżmuma abbord.

L-ANNEX IV

APPARAT TA' ĠBID: Skagerrak u Kattegat

Skali ta' daqsijiet tal-malji, l-ispeċi mmirati għalihom u persentaġġi tal-qbid meħtieġa applikabbli għall-użu ta' skala ta' daqsijiet tal-malja waħda

L-ispeċi	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)							
	< 16	16 sa 31	32 sa 69	70 sa 89	≥ 90			
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom							
	50 %	20 %	50 %	20 %	50 %	30 %	Xejn	
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) ⁽³⁾	x	x	x	x	x	x	x	x
Sallur tar-ramel (<i>Ammodytidae</i>) ⁽⁴⁾		x		x	x	x	x	x
Budakkra Norveġiża (<i>Trisopterus esmarkii</i>)		x		x	x	x	x	x
Merlangu ikħal (<i>Micromesistius poutassou</i>)		x		x	x	x	x	x
Weever ikbar (<i>Trachinus draco</i>) ⁽¹⁾		x		x	x	x	x	x
Molluski (apparti <i>Sepia</i>) ⁽¹⁾		x		x	x	x	x	x
Msella (<i>Belone belone</i>) ⁽¹⁾		x		x	x	x	x	x
Gurnard gray (<i>Eutrigla gurnardus</i>) ⁽¹⁾		x		x	x	x	x	x
Argentine (<i>Arġentina</i> spp.)		x		x	x	x	x	x
Sardin (<i>Sprattus sprattus</i>)		x		x	x	x	x	x
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)			x	x	x	x	x	x
Gambli komuni/Gambli baltiku (<i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon adspersus</i>) ⁽²⁾			x	x	x	x	x	x
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)				x		x	x	x
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)				x		x	x	x
Aringi (<i>Clupea harengus</i>)				x		x	x	x
Gambli tat-tramuntana (<i>Pandalus borealis</i>)					x	x	x	x
Gambli komuni/Gambli baltiku (<i>Crangon</i> spp., <i>Palaemon adspersus</i>) ⁽¹⁾					x	x	x	x
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)							x	x
Awwist Norveġiż (<i>Nephrops norvegicus</i>)							x	x
L-organiżmi marittimi kollha								x

⁽¹⁾ Fi ħdan erba mili biss mill-linji bażi.⁽²⁾ Barra erba mili biss mill-linji bażi.⁽³⁾ Mill-1 ta' Marzu sa 31 ta' Lulju f'Kattegat.⁽⁴⁾ F'Iskagerrak, mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar jum ta' Frar. F'Kattegat, mill-1 ta' Awissu sa l-aħħar jum ta' Frar.

L-ANNEX V

APPARAT TA' ĠBID: Reġjuni 4, 5 u 6

A. Reġjuni 4 u 5

L-ispeċi	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)		
	20 sa 39	40 sa 64	≥ 65
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom		
	50 %	80 %	Xejn
<i>Bogue (Boops boops)</i>	*	*	*
<i>Sardin (Sardina pilchardus)</i>	*	*	*
<i>Kavalli (Scomber spp.)</i>		*	*
<i>Sawrell (Trachurus spp.)</i>		*	*
L-organiżmi marittimi kollha			*

B. Reġjun 6

L-ispeċi	Skala ta' daqsijiet tal-malja (millimetri)	
	45 sa 50	≥ 100
	Persentaġġ minimu ta' speċi mmirati għalihom	
	30 %	Xejn
<i>Gambli (Penaeus subtilis, Penaeus brasiliensis, Xiphopenaeus kroyeri)</i>	*	*
L-organiżmi marittimi kollha		*

L-ANNESS VI

APPARATI MARBUTA: *Reġjuni 1 u 2*

Speċi	Malja	10 sa 30 mm	50 sa 70 mm	90 sa 99 mm	100 sa 119 mm	120 sa 219 mm	≥ 220 mm
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)		*	*	*	*	*	*
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)		*	*	*	*	*	*
Sardin (<i>Sprattus sprattus</i>)		*	*	*	*	*	*
Sawrell (<i>Trachurus spp.</i>)			*	*	*	*	*
Aringi (<i>Clupea harengus</i>)			*	*	*	*	*
Kavalli (<i>Scomber spp.</i>)			*	*	*	*	*
Mulleti ħomor (<i>Mullidae</i>)			*	*	*	*	*
Msella (<i>Belone spp.</i>)			*	*	*	*	*
Sea bass (<i>Dicentrarchus labrax</i>)				*	*	*	*
Mulleti griżi (<i>Mugilidae</i>)				*	*	*	*
Barbun dab (<i>Limanda limanda</i>)					*	*	*
Bakkaljaw żgħir (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>)					*	*	*
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>) ⁽²⁾					*	*	*
Flounder (<i>Platichthys flesus</i>)					*	*	*
Sole (<i>Solea vulgaris</i>)					*	*	*
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)					*	*	*
Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>)					*	*	*
Merluzz (<i>Gadus morhua</i>),						*	*
Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>) ⁽³⁾						*	*
Ling (<i>Molva molva</i>)						*	*
Saithe (<i>Pollachius virens</i>)						*	*
Marlozz (<i>Merluccius merluccius</i>) ⁽³⁾						*	*
Mazzola (<i>Squalus acanthias</i>)						*	*
Mazzola ta' tbajja' (<i>Scyliorhinus spp.</i>)						*	*
Megrin (<i>Lepidorhombus spp.</i>)						*	*
Lumpsucker (<i>Cyclopterus lumpus</i>)						*	*
L-organiżmi marittimi kollha							*(1)

(1) Qbid ta' anglerfish (*Lophius spp.*) meħud minn ICES sub-żona VI u VII u miżmuma abbord fiktur minn 30 % tal-qabda totali abbord minn dawn iż-żoni għandhom jittieħdu b'daqs tal-malja minimu ta' 250 mm jew akbar.

(2) FTaqsimiet ICES VIIe u VIId, b'effett mill-31 ta' Diċembru 1999, id-daqs minimu għandhu jkun ta' 90 mm.

(3) FTaqsimiet ICES VIIe u VIId, b'effett mill-31 ta' Diċembru 1999, id-daqs minimu għandhu jkun ta' 110 mm.

L-ANNEX VII

APPARATI MARBUTA: Reġjun 3

Speċi	Daqs tal-malja					
	< 40 mm	40 sa 49 mm	50 sa 59 mm	60 sa 79 mm	80 sa 99 mm	≥ 100 mm
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)	x	x	x	x	x	x
Gambli (<i>Palaemon</i> spp.)	x	x	x	x	x	x
Rainbow wrasse (<i>Coris julis</i>)	x	x	x	x	x	x
Bogue (<i>Boops boops</i>)	x	x	x	x	x	x
Gambli (<i>Penaeus</i> spp.)		x	x	x	x	x
Gambli Mantis (<i>Squilla mantis</i>)		x	x	x	x	x
Muletti ħomor (<i>Mullidae</i>)		x	x	x	x	x
Wedge sole (<i>Dicologlossa cuneata</i>)		x	x	x	x	x
Wrasses (<i>Labridae</i>)		x	x	x	x	x
Sawrell (<i>Trachurus</i> spp.)			x	x	x	x
Kavalli (<i>Scomber</i> spp.)			x	x	x	x
Huta żgħira mill-klassi tal-merluzz (<i>Trisopterus luscus</i>)			x	x	x	x
Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>)			x	x	x	x
Gurnardi (<i>Triglidae</i>)			x	x	x	x
Brimi tal-baħar (<i>Sparidae</i>)				x	x	x
Rockfish (<i>Scorpaenidae</i>)				x	x	x
Eyed sole (<i>Microchirus acevia</i>)				x	x	x
Klamari tal-ġwienaħ qosra (<i>Ommatostrephidae</i>)				x	x	x
Gringu (<i>Conger conger</i>)				x	x	x
Forkbeard (<i>Phycis</i> spp.)				x	x	x
Rombu lixx (<i>Scophthalmus rhombus</i>)				x	x	x
Traċna (<i>Trachinidae</i>)				x	x	x
Picarels (<i>Centranchidae</i>)				x	x	x
Sea bass (<i>Dicentrarchus labrax</i>)					x	x
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)					x	x
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)					x	x
Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>)					x	x
Flounders (<i>Pleuronectidae</i>)					x	x
Sole (<i>Solea vulgaris</i>) ⁽¹⁾						x
Marlozz (<i>Merluccius merluccius</i>) ⁽¹⁾						x
L-organiżmi marittimi kollha ⁽²⁾						x

(¹) F'Taqsimiet ICES VIIIċ u IX id-daqs tal-malja minimu għandu jkun ta' 60 mm. Madankollu, b'effett mill-31 ta' Diċembru 1999, id-daqs tal-malja minimu għandu jkun ta' 80 sa 90 mm.

(²) Qbid ta' anglerfish (*Lophius* spp.) u miżmuma abbord fiktur minn 30 % tal-qabda totali abbord għandu jkun meħud b'daqs tal-malja minimu ta' 220 mm jew akbar.

L-ANNEX VIII

Kumbinazzjonijiet permessi ta' daqs ta' toqob għal Reġjuni 1 u 2, minbarra Skagerrak u Kattegat

Millimetri
< 16 + 16 sa 31
16 sa 31 + 32 sa 54
16 sa 31 + 70 sa 79
16 sa 31 + 80 sa 99
16 sa 31 + = 100
32 sa 54 + 70 sa 79
32 sa 54 + 80 sa 99
32 sa 54 += 100
70 sa 79 + 80 sa 99
70 sa 79 + = 100
80 sa 99 + = 100

L-ANNEX IX

Kumbinazzjonijiet permessi ta' daqs ta' toqob għal Reġjun 3, minbarra Diviżjoni IXa ta' ICES fil-lvant ta' lonġitudni 7° 23' 48" P

Millimetri
16 sa 31 + 32 sa 54
16 sa 31 + = 70
32 sa 54 + = 70
55 sa 59 + = 70
70 sa 79 + = 70

L-ANNESS X

Kondizzjonijiet għall-użu ta' kumbinazzjonijiet ta' daqs ta' toqob f'Reġjuni 1 u 2, minbarra Skagerrak u Kattegat

Għar-rekord.

—

L-ANNESS XI

Kondizzjonijiet għall-użu ta' kumbinazzjonijiet ta' daqsijiet ta' toqob f'Reġjun 3, minbarra Diviżjoni IXa ta' ICES fil-lvant ta' lonġitudni 7° 23 48 P

Għar-rekord.

L-ANNEX XII

DAQSIJJET MINIMI

Speċi	Daqs minimu	
	Reġjuni 1 sa 5, minbarra Skagerrak/Kattegat	Skagerrak/Kattegat
Merluzz (<i>Gadus morhua</i>)	35 ċm	30 ċm
Bakkaljaw żgħir (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>)	30 ċm	27 ċm
Saithe (<i>Pollachius virens</i>)	35 ċm	30 ċm
Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>)	30 ċm	—
Marlozz (<i>Merluccius merluccius</i>)	27 ċm	30 ċm
Megrim (<i>Lepidorhombus</i> spp.)	20 ċm	25 ċm
Sole (<i>Solea</i> spp.)	24 ċm	24 ċm
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	22 ċm	27 ċm
Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)	27 ċm	23 ċm
Ling (<i>Molva molva</i>)	63 ċm	—
Blue Ling (<i>Molva dipterygia</i>)	70 ċm	—
Bass (<i>Dicentrarchus labrax</i>)	36 ċm	—
Awvist Norveġiż (<i>Nephrops norvegicus</i>) Dnub ta' l-awvist norvegiz ⁽¹⁾		130 (40) mm ⁽¹⁾
Kavalli (<i>Scomber scombrus</i>)		20 ċm ⁽²⁾
Aringi (<i>Clupea harengus</i>)	20 ċm	18 ċm
Sawrell (<i>Trachurus trachurus</i>)	15 ċm	15 ċm
Sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)	11 ċm	—
Awvist (<i>Homarus gammarus</i>)	85 mm ⁽³⁾	220 (78) mm ⁽¹⁾
Granċ bix-xewk (<i>Maia squinado</i>)	120 mm	—
Arzelli (<i>Chlamys</i> spp.)	40 mm	—
Grooved carpetshell (<i>Ruditapes decussatus</i>)	40 mm	—
Carpetshell (<i>Venerupis pullastra</i>)	40 mm	—
Tip t'arzella b'għonqu qasir (<i>Ruditapes philippinarum</i>)	40 mm	—
Clam (<i>Venus verrucosa</i>)	40 mm	—
Hard Clam (<i>Callista chione</i>)	5 ċm	—
Razor Clam (<i>Ensis</i> spp., <i>Pharus legumen</i>)	10 ċm	—
Surf clams (<i>Spisula solidissima</i>)	25 mm	—
Donax clams (<i>Donax</i> spp.)	25 mm	—

Speċi	Daqs minimu	
	Reġjuni 1 sa 5, minbarra Skagerrak/Kattegat	Skagerrak/Kattegat
Bronja (<i>Buccinum undatum</i>)	45 mm	—
Qarnita (<i>Octopus vulgaris</i>)	750 gramma	
Pixxispad (<i>Xiphias gladius</i>) ⁽⁴⁾	25 kg jew 125 ċm (mandible iktar baxx)	
Tonn ta' denbu blu ⁽⁵⁾	6,4 kg	
Ċkala (<i>Palinurus</i> spp.)	110 mm	

Speċi	Daqs minimu, Reġjuni 1 sa 5, apparti Skagerrak/Kattegat
Awwist Norveġiż (<i>Nephrops norvegicus</i>)	Iż-żona kollha, apparti Reġjun 3 u ICES VIa, VIIa: tul totali 85 mm, tul tal-qoxra 25 mm
	ICES VIa, VIIa; Reġjun 3: tul totali 70 mm, tul tal-qoxra 20 mm
Dnub ta' l-Awwist norvegiz	Iż-żona kollha, apparti Reġjun 3 u ICES VIa, VIIa: 46 mm
	ICES VIa, VIIa; Reġjun 3: 37 mm
Kavalli (<i>Scomber scombrus</i>)	Iż-żona kollha, apparti l-Baħar tat-Tramuntana: 20 ċm
	Baħar tat-Tramuntana: 30 ċm
Inċova (<i>Engraulis encrasicolus</i>)	Iż-żona kollha, apparti ICES IXa l'vant ta' lonġitudni 7° 23' 48" P: 12 ċm
	ICES IXa l'vant ta' lonġitudni 7° 23' 48" P: 10 ċm
Granċ li jittiekkel (<i>Cancer pagarus</i>)	Reġjuni 1 u 2 tramuntana ta' 56° T: 140 mm
	Reġjun 2 nofsinhar ta' 56° T, apparti Taqsimiet ICES VIId, e, f, u Taqsimiet ICES IVb, c: 130 mm
	Taqsimiet ICES Ivb, ċ nofsinhar ta' 56° T: 115 mm
	Taqsimiet ICES VIId, e, f: 140 mm
	Reġjun 3: 130 mm
Arzelli (<i>Pecten maximus</i>)	Iż-żona kollha, apparti ICES VIIa tramuntana ta' 52° 30' T VIIId: 100 mm
	ICES VIIa tramuntana ta' 52° 30' T, VIIId: 110 mm

(1) Tul totali (It-tul tal-qoxra).

(2) 30 ċm għal-użu industrijali biss.

(3) B'effett mill-1 ta' Jannar 2003 it-tul tal-qoxra ta' 87 mm għandu japplika.

(4) Hu pprojbit li tħott iktar minn 15 %, fin-numru, ta' pixxispad inqas minn 25 kg, jew 125 ċm.

(5) Hu pprojbit li tħott iktar minn 15 %, fin-numru, ta' tonn tad-denb ikħal inqas minn 6,4 kg jew 70ċm. Hu pprojbit ukoll li tħott kull tonn ta' denb ikħal individwali inqas minn 1,8 kg.

L-ANNEX XIII

KEJL TAD-DAQS TA' ORGANIŻMU TAL-BAĦAR

1. Id-daqs ta' kull ħuta għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 1, mill-ponta tal-geddum sat-tarf tal-pinna tad-denb.
2. Id-daqs ta' awwista tan-Norveġja għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 2:
 - bħala t-tul tal-qoxra, parallel mal-linja tan-nofs, minn wara ż-żewġ buqi sat-tarf tal-qoxra, u/jew,
 - bħala t-tul totali, mill-ponta tal-geddum sat-tarf ta' wara tat-telson, li ma jinkludix is-setae, u/jew,
 - fil-każ ta' dnuw ta' awwisti tan-Norveġja maqtugħa: mit-tarf ta' quddiem tal-biċċa tad-denb ta' quddiem li tinsab fil-biċċa ta' wara tat-telson, li ma tinkludix is-setae. Id-denb għandu jkun imkejjel ċatt, mhux stirat u fuq il-ġenb dorsali.
3. Id-daqs ta' l-awwista jew ċkala minn Reġjuni 1 sa 5 minbarra Skagerrak/Kattegat għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 3, bħala t-tul tal-qoxra, parallel mal-linja tan-nofs, mid-dahar taż-żewġ buqijiet ta' l-għajnejn sat-tarf tal-qoxra.
4. Id-daqs ta' awwista minn Skagerrak jew Kattegat għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 3:
 - bħala t-tul tal-qoxra, parallel mal-linja tan-nofs, minn wara ż-żewġ buqi sat-tarf tal-qoxra, u/jew,
 - bħala t-tul totali, mill-ponta tal-geddum sat-tarf ta' wara ta' l-aħħar segment fl-addome, li ma jinkludix is-setae,
5. Id-daqs ta' granċ brimba bhafna xewk jew ta' granċ li jittiekel għandu jkun imkejjel kif muri fil-Figuri 4A u 4B rispettivament, bħala l-wisa minimu tal-qoxra mkejla b'mod perpendikulari għal-linja tan-nofs ta' wara tal-qoxra.
6. Id-daqs ta' kull mollusk b'żewġ qoxriet għandu jkun imkejjel kif muri fil-Figura 5, matul l-itwal parti tal-qoxra.
7. Id-daqs ta' bronja għandu jkun imkejjel kif muri fil-Figura 6, bħala t-tul tal-qoxra.

Figura 1






Figura 2



(Nephrops)
Awwist Norveġiż

Figura 3



(Homarus)
Awwista

(a) Tul tal-qoxra

(b) Tul totali

Figura 4A




Figura 4B




Figura 5





Figura 6



L-ANNEX XIV

ISMIJIET VERNAKULARI U XJENTIFIĊI

ISEM VERNAKULARI	ISEM XJENTIFIKU
Gamblu aesop	<i>Pandalus montagui</i>
Inċova	<i>Engraulis encrasicolus</i>
Anglers	Lophiidae
Ħut bħal fidda	Argentinidae
Gambli baltici	<i>Palaemon adspersus</i>
Ħut żgħir mill-klassi tal-merluzz	<i>Trisopterus luscus</i>
Tonn ta' għajnu kbira	<i>Thunnus obesus</i>
Molluski bivalvi	Bivalvia
Gambli ikħal u aħmar	<i>Aristeus antennatus</i>
Blue ling	<i>Molva dipterygia</i>
Merlingu ikħal	<i>Micromesistius poutassou</i>
Tonn ta' denbu ikħal	<i>Thunnus thynnus</i>
Bogue	Boops boops
Brimi	Bramidae, Berycidae
Rombu lixx	<i>Scophthalmus rhombus</i>
Carpshell	<i>Venerupis pullastra</i>
Clam (= warty venus)	<i>Venus verrucosa</i>
Bakkaljaw	<i>Gadus morhua</i>
Mora komuni	<i>Mora moro</i>
Gambli komuni	<i>Pandalus</i> spp.
Gambli żgħir komuni	Crangon spp.
Gringu	<i>Conger conger</i>
Ċkala	<i>Palinurus</i> spp.
Siċċa	<i>Sepia officinalis</i> , <i>Sepia</i> spp.
Dap	<i>Limanda limanda</i>
Gamblu <i>deeptwater rose</i>	<i>Parapenaeus longirostris</i>
Mazzola, mazzola bi tbajja	Scyliorhinidae
<i>Donax clams</i>	<i>Donax</i> spp.
Granċ li jittiekkel	<i>Cancer pagurus</i>
Sallur	<i>Anguilla anguilla</i>
<i>Eyed sole</i>	<i>Microchirus ocellatus</i>
Flounder	<i>Platichthys flesus</i>
Flounders	Pleuronectidae
Forkbeard	<i>Phycis</i> spp.
Msella	<i>Belone</i> spp.
Molluski ta' Gastropod	Gastropoda
Gamblu aħmar kbir	<i>Aristaeomorpha foliacea</i>
<i>Grenadiers</i>	<i>Malacocephalus</i> spp., <i>Nezumia</i> spp., <i>Trachyrhynchus</i> spp.
Mulletti griżi	Mugilidae
Gallina griża	<i>Eutrigla gurnardus</i>
<i>Grooved carpshell</i>	<i>Ruditapes decussatus</i>
Gurnardi	Triglidae
Bakkaljaw żgħir	<i>Melanogrammus aeglefinus</i>
<i>Hagfish</i>	Myxinidae
<i>Hairtails</i>	Trichiuridae
Marlozz	<i>Merluccius merluccius</i>
Arzella Iebsa	<i>Mercenaria mercenaria</i>
Aringi	<i>Clupea harengus</i>
Sawrell	<i>Trachurus</i> spp.
John Dory	<i>Zeus faber</i>
Qalfat	Petromyzonidae
<i>Lemon sole</i>	<i>Microstomus kitt</i>
Ling	<i>Molva molva</i>
Awwist	<i>Homarus gammarus</i>
<i>Lumpsucker, Lumpfish</i>	<i>Cyclopterus lumpus</i>

ISEM VERNAKULARI

Kavalli
 Gambli mantis
 Megrim

 Gambli tat-tramuntana
 Awwist Norveġiż
 Budakkra norvegiza
 Qarnita

 Picarels
 Mazzola, *Spurdog*
 Saraga (= sardin)
 Barbun tat-tbajja
 Pollakkju
 Merluzz
 Budakkra
 Gambli

 Arzelli

 Għarusa kulur qawsalla
 Razor clam
 Redband fish
 Mulleti ħomor
 Rockfish

 Saithe
 Salamur
 Salmonids
 Sallur tar-ramel
 Sardin (*Sardina pilchardus*)
 Arzelli
 Sea bass
 Brimi tal-baħar
 Trota tal-baħar
 Tip ta'arzella *shortnecked*
 Gambli
 Bakkaljaw kulur il-fidda
 Skejts u raġġi
 Tonn qabbieżi
 Perlan
 Sole
 Granċ bix-xewk
 Spotted flounder
 Sardin
 Awwist squat
 Klamari
 Tip ta'arzella surf
 Granċ li jgħum
 Pixxispad

 Thickback sole
 Tonn
 Barbun imperjali

 Arzelli *variegated*

 Warty venus (= clam)
 Wedge sole
 Traċna
 Whelk
 Merlangu
 Witch
 Għarajjes

 Tonn ta' denbu isfar

ISEM XJENTIFIKU

Scomber spp., *Scomber scombrus*
Squilla mantis
Lepidorhombus spp.

Pandalus borealis
Nephrops norvegicus
Trisopterus esmarkii
Octopus vulgaris, *Eledone cirrosa*

 Centracanthidae
Squalus acanthias spp.
Sardina pilchardus
Pleuronectes platessa
Pollachius pollachius
Trisopterus minutus
Trisopterus luscus
Palaemon spp.

Chlamys opercularis

Coris juris
Ensis spp., *Pharus legumen*
 Cepolidae
 Mullidae
 Scorpaenidae

Pollachius virens
Salmo salar
 Salmonidae
 Ammodytidae
Sardina pilchardus
Pecten maximus
Dicentrarchus labrax
 Sparidae
Salmo trutta
Ruditapes philipinarum
Penaeus spp.
Gadus argenteus
 Rajidae
Katsuwonus pelamis
Atherina spp., *Osmerus* spp.
Solea solea/vulgaris
Maja squinado
Citharus linguatula
Sprattus sprattus
 Galatheidae
 Loliginidae, *Ommastrephidae*, *Alloteuthis* spp.
Spisula solidissima
Polybius henslowi
Xiphias gladius

Microchirus variegatus
Auxis spp., *Euthynnus* spp., *Katsuwonus* spp., *Thunnus* spp.
Psetta maxima

Chlamys varia

Venus verrucosa
Dicologlossa cuneata
 Trachinidae
Buccinum undatum
Merlangius merlangus
Glyptocephalus cynoglossus
 Laridae

Thunnus albacares

L-ANNEX XV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 894/97	Ir-Regolament Preżenti
Artikolu 1	Artikolu 1 u 2
Artikolu 2 (1)	Artikolu 4
Artikolu 2 (2)	Artikolu 10
Artikolu 2 (3)	Artikolu 5
Artikolu 2 (4)	Artikolu 14 u 15
Artikolu 2 (5)	—
Artikolu 2(6), l-ewwel sottoparagrafu	Artikolu 5(1) u Artikolu 12(1)
Artikolu 2(6), it-tieni sottoparagrafu	Artikolu 5 (6)
Artikolu 2 (7)	—
Artikolu 2 (8)	—
Artikolu 2(9), l-ewwel sottoparagrafu	Artikolu 6
Artikolu 2(9), it-tieni sottoparagrafu	Artikolu 7
Artikolu 2(9), it-tielet sottoparagrafu	Artikolu 3 (d)
Artikolu 2 (10), l-ewwel sottoparagrafu (a), (b) u (ċ)	Artikolu 11 (1)
Artikolu 2(10), l-ewwel sottoparagrafu (d)	Artikolu 3(g) u (h)
Artikolu 2(10), l-ewwel sottoparagrafu (e)	Artikolu 13
Artikolu 2(10), it-tieni sottoparagrafu	Artikolu 48
Artikolu 3	Artikolu 48
Artikolu 4	Artikolu 16
Artikolu 5 (1)	Artikolu 14 u l-Artikolu 18 (2)
Artikolu 5 (2)	Anness XIII
Artikolu 5(3), l-ewwel sottoparagrafu	Artikolu 19 (1)
Artikolu 5(3), it-tieni sottoparagrafu (a)	Artikolu 19(2)(b)
Artikolu 5 (3), it-tieni sottoparagrafu (b), l-ewwel u t-tieni indenti	Artikolu 19(2)(a)
Artikolu 5 (3), it-tieni sottoparagrafu (b), it-tielet indent	Artikolu 35
Artikolu 5(3), it-tieni sottoparagrafu (ċ)	Artikolu 19 (3)
Artikolu 5(3), it-tielet sottoparagrafu	Artikolu 19(2)(a), tielet sentenza
Artikolu 5 (4)	Artikolu 18(3) u (4)
Artikolu 5 (5)	—
Artikolu 6 (1)	Artikolu 26
Artikolu 6 (2)	Artikolu 36
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8 (1)	—
Artikolu 8 (2)	Artikolu 21
Artikolu 9	Artikolu 22

Regolament (KE) Nru 894/97	Ir-Regolament Preżenti
Artikolu 10 (1)	—
Artikolu 10(2)(a)	Artikolu 30 (1)
Artikolu 10(2)(b)	Artikolu 39
Artikolu 10 (3)	Artikolu 29
Artikolu 10 (4)	Artikolu 34(1), (2) u (3)
Artikolu 10 (5)	Artikolu 34 (4)
Artikolu 10 (6)	Artikolu 29(6) u Artikolu 34(5)
Artikolu 10 (7)	—
Artikolu 10 (8)	—
Artikolu 10 (9)	Artikolu 37
Artikolu 10 (10)	Artikolu 23
Artikolu 10 (11)	Artikolu 28(2), Artikolu 29(5), Artikolu 30 (2), it-tieni sottoparagrafu, Artikolu 30(3), Artikolu 34(5), u Artikolu 40
Artikolu 10(12), l-ewwel sottoparagrafu	Artikolu 31
Artikolu 10(12), it-tieni sottoparagrafu	Artikolu 41
Artikolu 10 (13)	—
Artikolu 10 (14)	Artikolu 30(1), l-aħħar sentenza
Artikolu 10 (15)	Artikolu 28 (1)
Artikolu 10 (16)	Artikolu 32
Artikolu 10 (17)	Artikolu 33
Artikolu 10 (18)	Artikolu 38
Artikolu 10 (19)	Artikolu 24 (1)
Artikolu 11	—
Artikolu 12	Artikolu 24 (2)
Artikolu 13	Artikolu 42
Artikolu 14	Artikolu 43
Artikolu 15	Artikolu 44
Artikolu 16	Artikolu 45
Artikolu 17	Artikolu 46
Artikolu 18	Artikolu 48
Artikolu 19	Artikolu 49
Artikolu 20	Artikolu 50
L-Anness I	Annessi I, II, III, IV u V
Anness II	Anness XII
Anness III	Anness XII
Anness IV	Anness XIII
Anness V	Anness VI
Anness VI	Anness VII
Anness VII	Anness XV